L-Università ta' Malta

**MATSEC**
**Examinations Board**



# ĊES 13 Sillabu

## L-Istudji Ambjentali

**2027**

Aġġornat Marzu 2023

# Il-Werrej


L-Introduzzjoni ........ 2

Il-Komponenti tas-Suġġett ........ 3

Il-Lista ta' Kisbiet mit-Tagħlim ........ 3

Id-Deskritturi tal-Livell tal-Programm ........ 4

Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar ........ 5

L-Iskema tal-Assessjar ........ 32

Kandidati tal-Iskola ........ 32

Kandidati Privati ........ 33

# L-Introduzzjoni

Dan is-sillabu huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-kurrikulu msemmija fil-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali* (NCF), li ssarraf f'liġi fl-2012. Is-sillabu huwa mfassal bl-użu tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, li jidentifika l-istudenti x'għandhom ikunu jafu u x'jistgħu jilħqu sat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja.

Bħala sillabu li huwa bbażat fuq il-kisbiet mit-tagħlim, jindirizza l-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti kollha u jirrakkomanda edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd bħala parti minn strateġija koerenti għat-tagħlim tul il-ħajja. Dan jassigura li t-tfal kollha jkunu jistgħu jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex 'il quddiem isiru ċittadini attivi u jirnexxu fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, kulturali, razzjali, etniku, reliġjuż u l-orjentazzjoni sesswali. Dan is-sillabu jipprovdi opportunitajiet ġusti għall-istudenti kollha sabiex jilħqu kisbiet edukattivi sa tmiem il-vjaġġ edukattiv tagħhom. Dan jippermettilhom li jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja, inaqqsu r-rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola u jassiguraw li l-istudenti kollha jiksbu l-kompetenzi ewlenin tas-seklu wieħed u għoxrin.

Dan il-programm jinkludi wkoll kisbiet ta' tagħlim relatati ma' temi kurrikulari wiesgħa, jiġifieri l-litteriżmu diġitali; id-diversità; il-kreattività u l-innovazzjoni tal-intraprenditorija; l-iżvilupp sostenibbli u t-tagħlim u l-litteriżmu kooperattiv. B'dan il-metodu, l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu b'mod sħiħ il-ħiliet, l-għarfien, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex javvanzaw fit-tagħlim, fix-xogħol, fil-ħajja u fiċ-ċittadinanza.

Fis-sillabu tal-Istudji Ambjentali t-terminu "ambjentali" jfisser sett ta' interrelazzjonijiet li jorbtu individwu ma' oħrajn u mal-karatteristiċi fiżiċi tal-madwar. Is-suċċess ta' individwu fl-ambjent tiegħu/tagħha huwa determinat mil-livell ta' armonija bejn dawn l-interrelazzjonijiet.

L-għanijiet ta' dan il-programm ta' kisbiet mit-tagħlim għal dan is-suġġett huma:

Li l-kandidati jiksbu l-informazzjoni, il-valuri, l-attitudnijiet u l-ħiliet prattiċi meħtieġa sabiex jgħinuhom isiru kapaċi jipprevedu u jsolvu problemi ambjentali billi jipparteċipaw b'mod aktar attiv u responsabbli u effettiv fil-ħarsien tal-ambjent;

Li l-kandidati josservaw l-aspetti bijofiżiċi, soċjokulturali u ekonomiċi tal-ambjent naturali u urban b'hekk ikun kapaċi jifhem u jinterpreta l-kumplessitajiet tal-interazzjonijiet bejniethom;

Li l-kandidati jiżviluppaw sens ta' responsabbiltà u solidarjetà billi jifhmu kif l-azzjonijiet personali u lokali jistgħu jkollhom riperkussjonijiet nazzjonali, reġjonali kif ukoll globali.

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

1. Nikseb l-informazzjoni meħtieġa biex nifhem il-problemi ambjentali b'mod partikolari dawk lokali;
2. Napplika l-għarfien tal-kunċetti ekoloġiċi u l-ħiliet meħtieġa biex nanalizza kwistjonijiet ambjentali;
3. Napplika l-għarfien meħtieġ sabiex nipprevedu l-konsegwenzi tal-azzjonijiet u nissuġġerixxu proposti alternattivi għall-protezzjoni tal-ambjent;
4. Nara minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni dwar l-ambjent, sabiex inkun nista' nibni perspettiva ħolistika tal-kwistjonijiet ambjentali;
5. Nifhmu u nikkomunikaw kif aspetti reliġjużi, ekonomiċi, politiċi u soċjali tal-kultura Maltija jinfluwenzaw l-ambjent;
6. Nifhmu u nikkomunikaw l-impatt ambjentali minn azzjonijiet individwali;
7. Nidentifika varjetà ta' kwistjonijiet ambjentali ta' natura lokali, nazzjonali, reġjonali jew globali u l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali tagħhom;
8. Nissuġġerixxi soluzzjonijiet alternattivi u prattiċi għall-kwistjonijiet ambjentali u nifhem l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali ta' dawn is-suġġerimenti;
9. Nifhmu l-ħtieġa ta' analiżi serja ta' kwistjonijiet ambjentali qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet dwarhom;
10. Nifhmu kif diversi opinjonijiet u valuri jaffettwaw kwistjonijiet ambjentali u nifhmu l-ħtieġa li jkunu ċċarati l-valuri personali qabel jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-ambjent;
11. Nifhmu l-ħtieġa ta' azzjoni responsabbli miċ-ċittadini biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi ambjentali;
12. Nanalizza kwistjonijiet ambjentali kif ukoll il-valuri/opinjonijiet relatati magħhom f'kuntest ekoloġiku u kulturali u nkun kapaċi nidentifika soluzzjonijiet prattiċi għalihom;
13. Neżamina, niċċara u wkoll nibdel il-valuri u l-opinjonijiet fid-dawl ta' informazzjoni ġdida;
14. Niddetermina l-azzjonijiet li għandi nieħu bħala ċittadin biex insolvi kwistjonijiet ambjentali billi nikkunsidra l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali tagħhom;
15. Nagħżel l-aħjar azzjoni li nista' nieħu bħala ċittadin sabiex nindirizza kwalunkwe problema partikolari; u
16. Nuri li jien kompetenti fil-varjetà ta' azzjonijiet li jista' jkolli nieħu għall-benefiċċju tal-ambjent.

## Il-Komponenti tas-Suġġett

1. Il-klima u l-ekosistemi
2. L-attività tettonika, il-formazzjoni u t-tmermir tal-blat
3. L-ilmijiet u l-artijiet
4. Ir-riżorsi, l-immaniġġjar tal-iskart u t-tibdil fil-klima
5. L-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Malta: 1400-2004 W.K.
6. L-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Malta: illum il-ġurnata
7. Is-soċjetà u l-kultura
8. Ix-xogħol u l-ispazju għall-Familja
9. Il-politika f'Malta
10. Il-Wirt mibni ta' Malta: mill-Preistorja sal-Medjuevu
11. Il-Wirt mibni ta' Malta: mill-Kavallieri sal-ġurnata tal-lum
12. Malta u l-Ewropa (1798 - 2004)

## Il-Lista ta' Kisbiet mit-Tagħlim

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

Kisba 1 Nifhem it-temp u l-proċessi tal-klima u l-qrubija tagħhom mal-ekosistemi u l-bijodiversità (Karta I u Karta II).

Kisba 2 Niddeskrivi l-għamla tal-istruttura tad-dinja u l-fatturi li jwasslu għall-moviment fil-qoxra tad-dinja, il-formazzjoni tal-vulkani u t-tmermir tal-blat (Karta II).

Kisba 3 Nifhem iċ-ċiklu tal-ilma u niddeskrivi l-formazzjoni tal-forom tal-art mal-kosta. (Karta II).

Kisba 4 Nagħmel id-distinzjoni bejn r-riżorsi rinnovabbli u oħrajn mhux rinnovabbli. Nuri fehim tal-proċessi tal-formazzjoni tal-ħamrija u proċessi differenti ta' agrikultura tal-art u marittima u sorsi ta' tniġġis fil-baħar. Nuri għarfien tal-isfidi li għandhom x'jaqsmu mal-immaniġġjar tal-iskart u t-tibdil fil-klima globali (Karta II).

Kisba 5 Ninvestiga u niddiskuti l-bidliet politiċi, soċjali u ekonomiċi, punti ta' referenza, żviluppi u kuntrasti fis-soċjetà Maltija mill-1400 W.K. sal-2004 bl-użu ta' sorsi primarji u sekondarji (Karta II).

Kisba 6 Niddiskuti l-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Malta tal-lum il-ġurnata (Karta II)

Kisba 7 Nidentifika l-elementi tas-soċjetà u tal-kultura (Karta II).

Kisba 8 Nidentifika u niddiskuti r-relazzjoni bejn ix-xogħol u l-familja, l-iżviluppi fl-istruttura tal-familja u l-kwistjonijiet dwar is-sessi (Karta I u Karta II).

Kisba 9 Niddiskuti l-kuntest politiku Malti tal-lum il-ġurnata kif ukoll il-miri storiċi politiċi ta' Malta miksuba fis-seklu dsatax (Karta II).

Kisba 10 Nagħraf, ninvestiga u niddiskuti l-importanza tal-wirt mibni ta' Malta mill-Preistorja sal-Medjuevu (Karta II).

Kisba 11 Nagħraf, ninvestiga u niddiskuti l-importanza tal-wirt mibni ta' Malta mill-Kavallieri sal-ġurnata tal-lum (Karta I u Karta II).

Kisba 12 Niddeskrivi u niddiskuti avvenimenti u żviluppi importanti fl-istorja Ewropea li kellhom impatt fuq l-istorja ta' Malta mis-sena 1789 sal-2004 bl-użu ta' sorsi primarji u sekondarji (Karta II).

# Id-Deskritturi tal-Livell tal-Programm

Dan is-sillabu jistabbilixxi l-kontenut u l-metodu tal-assessjar għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fl-Istudji Ambjentali f'Livell 1, 2 jew 3. It-tagħlim ta' dan il-programm jibda minn Settembru 2022. L-ewwel ċertifikati joħorġu fis-sena 2025.

Il-livelli li ġejjin jirreferu għal-livelli ta' kwalifika li l-kandidati jistgħu jiksbu meta jagħmlu l-eżamijiet taċ-ĊES. Dawn huma spjegazzjonijiet ġeneriċi li jiddeskrivu l-kumplessità u sa fejn iwassal kull livell sabiex il-kandidati jiksbu ċertifikat ta' llivell 1, 2 jew 3 fl-Istudji Ambjentali. (L-inqas livell huwa Livell 1 u l-ogħla livell huwa Livell 3).

Livell 1: Fl-aħħar tal-programm il-kandidati jkunu kisbu għarfien, ħiliet u kompetenzi bażiċi fis-suġġett bħal ħiliet komunikattivi bażiċi u l-ħila li jsegwu istruzzjonijiet sempliċi b'għan li jitlesta l-eżerċizzju mogħti. L-eżerċizzji se jinkludu għajnuna.

Livell 2: Fl-aħħar tal-programm il-kandidati jkunu kisbu għarfien, ħiliet u kompetenzi tajbin fis-suġġett bħall-interpretazzjoni ta' informazzjoni u ideat mogħtija. Il-kandidati se jkunu żviluppaw il-ħila li jaħdmu eżerċizzji kumplessi. L-eżerċizzji se jinkludu ftit għajnuna.

Livell 3: Fl-aħħar tal-programm il-kandidati, b'mod awtonomu, se jkunu kapaċi japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'varjetà ta' eżerċizzji kumplessi. Il-kandidati se jħaddmu l-ħila tal-ħsieb kritiku biex janalizzaw, jevalwaw u jirriflettu fuq xogħolhom u xogħol ħaddieħor. Eżerċizzji kumplessi, li fihom il-kandidati jridu jagħtu soluzzjoni, jaf ikunu parti mill-proċess tal-assessjar.

# Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 1:** | **Il-klima u l-ekosistemi** |
| **Kisba mit-Tagħlim 1:**<br><br>**(Karta I u Karta II)** | **Nifhem it-temp u l-proċessi tal-klima u l-qrubija tagħhom mal-ekosistemi u l-bijodiversità.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 1.1a Nagħti t-tifsira tat-termimu Temp u/jew Klima. | 1.2a Niddeskrivi l-elementi li jsawru t-Temp.<br><br>*It-Temperatura; ix-xita; id-direzzjoni tar-riħ u l-qawwa tar-riħ; is-sħab.* | |
| 1.1b Nidentifika l-istrumenti użati sabiex jitkejlu l-elementi tat-temp.<br><br>*It-Termometru; il-pluvjometru; il-pinnur; l-anemometru; il-barometru.* | 1.2b Nuża l-istrument(i) sabiex inkejjel l-elementi tat-temp.<br><br>*It-Termometru; il-pluvjometru; il-pinnur; l-anemometru; il-barometru.* | 1.3b Nidentifika l-aħjar post għat-tqegħid tal-istrumenti tat-temp sabiex ir-riżultati jkunu validi bl-aktar mod possibbli.<br><br>*It-Termometru; il-pluvjometru; il-pinnur; l-anemometru; il-barometru.* |
| 1.1c Nidentifika l-fatturi li jinfluwenzaw il-klima ta' post jew żona.<br><br>*Il-latitudni; id-distanza mill-baħar; l-irjieħ prevalenti; l-altitudni.* | 1.2c Nuża stampi biex niddeskrivi fatturi li jinfluwenzaw il-klima ta' post jew żona.<br><br>*L-latitudni; id-distanza mill-baħar; l-irjieħ prevalenti; l-altitudni.* | 1.3c Niddeskrivi l-fatturi li jinfluwenzaw il-klima ta' reġjun. |
| 1.1d Nidentifika proċessi differenti tax-xita.<br><br>*Il-frontali; l-orografika; il-konvezzjonali.* | 1.2d Nikteb/nimmarka fuq l-istampi li jiddeskrivu l-proċessi differenti tax-xita.<br><br>*Il-frontali; l- orografika; il-konvezzjonali.* | 1.3d Niddeskrivi kif iseħħu l-proċessi differenti tax-xita.<br><br>*Il-frontali; l- orografika; il-konvezzjonali.* |
| 1.1e Nidentifika reġjuni klimatiċi billi nuża mapep.<br><br>*Il-klimi Mediterranji; il-klimi ta' foresti tropikali milwiema.* | 1.2e Niddeskrivi l-karatteristiċi klimatiċi taż-żoni ewlenin fid-dinja.<br><br>*Il-klimi Mediterranji; il-klimi ta' foresti tropikali milwiema.* | 1.3e Ninterpreta graff għall-klimi Mediterranji u/jew għall-klimi ta' foresti tropikali milwiema. |
| 1.1f Nagħti t-tifsira tat-termimu Ekosistema. | 1.2f Nidentifika l-karatteristiċi ta' ekosistema.<br><br>*Il-fatturi bijotiċi; l-aspetti abijotiċi.* | |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 1.1g Nirrikonoxxu l-irwol tal-pjanti bħala produtturi u l-irwol tal-annimali bħala konsumaturi. | 1.2g Noħloq skeċċ u/jew nimmarka fuq l-istampi li juru t-trasferimenti tal-enerġija f'katina tal-ikel tipika. | 1.3g Niddeskrivi t-trasferimenti tal-enerġija f'katina tal-ikel tipika.<br><br>*Id-dawl tax-xemx; il-produtturi; il-konsumaturi; id-dekompozituri.* |
| 1.1h Nidentifika l-karatteristiċi tal-abitati Maltin.<br><br>*Ix-xagħri; il-bosk; il-makkja.* | 1.2h Insemmi l-karatteristiċi tal-abitati Maltin.<br><br>*Ix-xagħri; il-bosk; il-makkja; l-isteppa; l-għaram tar-ramel; il-bur salmastru.* | 1.3h Niddeskrivi l-abitati Maltin.<br><br>*Ix-xagħri; il-bosk; l-għarma tar-ramel; il-bur salmastru.* |
| 1.1i Nagħti t-tifsiriet tat-termimi flora u/jew fawna fil-gżejjer Maltin. | 1.2i Nagħmel distinzjoni bejn speċi endemiċi u indiġeni Maltin billi nuża eżempji sabiex insaħħaħ t-tweġiba tiegħi. | 1.3i Niddiskuti l-importanza tal-protezzjoni tal-ispeċi endemiċi u indiġeni Maltin. |
| 1.1j Nidentifika żoni ta' konservazzjoni speċjali fuq l-art u/jew marittimi fl-arċipelagu Malti. | 1.2j Nirrikonoxxi l-irwol tar-riżervi naturali fuq il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-abitati u/jew tal-ispeċi. | 1.3j Niddiskuti l-importanza tas-siti naturali ta' Natura 2000. |
| 1.1k Nagħmel lista ta' theddid għall-ekosistema Maltija.<br><br>*L-Importazzjoni ta' speċi aljeni; id-devjazzjoni tal-ilma; it-tniġġis marbut mal-istorbju; tfixkil minn xi viżitaturi; ir-rimi ta' skart; bini ta' djar u strutturi oħra.* | 1.2k Niddeskrivi t-theddid għall-ekosistema Maltija.<br><br>*L-Importazzjoni ta' speċi aljeni; id-devjazzjoni tal-ilma; it-tniġġis marbut mal-istorbju; tfixkil minn xi viżitaturi; ir-rimi ta' skart; bini ta' djar u strutturi oħra.* | 1.3k Nispjega għaliex l-ekosistemi Maltin għandhom bżonn il-konservazzjoni u l-protezzjoni.<br><br>*Il-ħarsien tal-abitat; l-edukazzjoni; it-turiżmu; u r-rikreazzjoni u d-divertiment.* |
| 1.1l Nagħti t-tifsira tat-termimu Bijodiversità. | 1.2l Niddeskrivi l-kawżi li jwasslu għat-telf tal-bijodiversità fl-arċipelagu Malti.<br><br>*Il-firxa urbana; il-kaċċa u s-sajd mhux sostenibbli; l-importazzjoni ta' flora u fawna tal-art u marittimi aljeni; rimi illegali; l-użu eċċessiv ta' pestiċidi u fertilizzanti.* | 1.3l Niddiskuti modi kif il-bijodiversità ta' Malta tista' tiġi mħarsa għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet futuri. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 2:** | **L-attività tettonika, il-formazzjoni u t-tmermir tal-blat** |
| **Kisba mit-Tagħlim 2:**<br><br>**(Karta II)** | **Niddeskrivi l-għamla tal-istruttura tad-dinja u l-fatturi li jwasslu għall-moviment fil-qoxra tad-dinja, il-formazzjoni tal-vulkani u t-tmermir tal-blat.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 2.1a Nagħraf l-istruttura interna tad-Dinja.<br><br>*Il-qalba; il-mantell; il-qoxra.* | 2.2a Noħloq skeċċ u/jew nimmarka fuq l-istampi li juru l-istruttura interna tad-Dinja. | 2.3a Niddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-erba' saffi li jiffurmaw l-istruttura ta' ġewwa tad-Dinja. |
| 2.1b Nagħraf xifer ta' qoxra tettonika.<br><br>*Ix-xifer distruttiv (collision and subduction), ix-xifer kostruttiv u x-xifer konservattiv.* | 2.2b Nikteb/nimmarka fuq l-istampi li juru xifer ta' qoxra tettonika.<br><br>*Ix-xifer distruttiv (collision and subduction), ix-xifer kostruttiv u x-xifer konservattiv.* | 2.3b Niddeskrivi l-moviment ta' qoxra tettonika u l-formazzjoni ta' pajsaġġi max-xifer.<br><br>*Ix-xifer distruttiv (collision and subduction), ix-xifer kostruttiv u x-xifer konservattiv.* |
| 2.1c Nagħraf il-kurrenti konvezzjonali fl-istampi tal-qxur tettoniċi. | 2.2c Nassoċja l-pożizzjoni tal-vulkani u fejn iseħħu t-terremoti max-xfar tettoniċi. | 2.3c Nispjega l-kunċett Ċaqliq tal-Kontinenti sabiex nuri kif il-kontinenti jbiddlu l-pożizzjoni tagħhom fuq wiċċ id-Dinja. |
| 2.1d Nidentifika żoni l-aktar esposti għall-attività tettonika fuq il-mappa tal-Mediterran.<br><br>*l-Italja; il-Greċja; it-Turkija.* | 2.2d Niddeskrivi l-perikli li għandhom x'jaqsmu mal-attività tettonika. | 2.3d Nispjega għaliex ir-reġjun tal-Mediterran huwa wieħed espost għall-attività sismika. |
| 2.1e Insemmi l-istrument li tkejjel it-terremoti.<br>*Is-Sismografu.* | 2.2e Niddeskrivi l-użu tal-Iskala Richter. | |
| 2.1f Nagħti t-tifsira tat-termimi vulkan attiv u/jew inattiv u/jew estint. | 2.2f Nagħmel distinzjoni bejn il-perikli u l-benefiċċji ta' vulkan.<br><br>*Imwiet; ħsara fil-proprjetà; ħsara fl-ambjent naturali; ħamrija fertili; il-formazzjoni ta' ħaġar prezzjuż; enerġija ġeotermali; vulkan bħala attrazzjoni turistika.* | 2.3f Niddeskrivi l-benefiċċji u l-perikli li komunità għandha għax tgħix qrib vulkan.<br><br>*Imwiet; ħsara fil-proprjetà; ħsara fl-ambjent naturali; ħamrija fertili; il-formazzjoni ta' ħaġar prezzjuż; enerġija ġeotermali; vulkan bħala attrazzjoni turistika.* |
| 2.1g Insemmi l-gruppi differenti ta' blat.<br><br>*Il-blat ignijuż; il-blat sedimentarju; il-blat metamorfiku.* | 2.2g Nikteb/nimmarka fuq l-istampi li juru ċ-ċiklu tal-blat li jiddeskrivu l-formazzjoni tiegħu.<br><br>*Il-blat ignijuż; il-blat sedimentarju; il-blat metamorfiku.* | 2.3g Niddeskrivi l-formazzjoni ta' blat ignijuż, blat sedimentarju u blat metamorfiku. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 2.1h Nikteb f'ordni kronoloġika s-saffi ewlenin tal-blat fil-Gżejjer Maltin.<br><br>*Il-qawwi ta' fuq; it-tafal; il-Globiġerina; il-qawwi ta' taħt.* | 2.2h Niddeskrivi l-karatteristiċi tal-blat Malti.<br><br>*Il-porużità; l-ebusija; l-użu.* | 2.3h Nikteb dwar il-preżenza ta' fossili fil-blat Malti. |
| 2.1i Nagħraf stampi li juru tipi differenti ta' tmermir.<br><br>*It-tmermir folja folja; it-tmermir bijoloġiku; it-tmermir kimiku.* | 2.2i Nidentifika karatteristiċi fil-Gżejjer Maltin relatati mat-tmermir kimiku.<br><br>*L-għerien; id-dolini; ix-xagħri.* | 2.3i Niddeskrivi modi differenti ta' tmermir.<br><br>*It-tmermir folja folja; it-tmermir bijoloġiku; it-tmermir kimiku.* |
| | 2.2j Nagħti t-tifsira tat-termimi tmermir u/jew Erożjoni. | 2.3j Insemmi postijiet fl-arċipelagu Malti b'karatteristiċi ta' tmermir kimiku u/jew bijoloġiku.<br><br>*Eżempji: Il-Maqluba; il-Buskett.* |
| 2.1k Nagħti t-tifsira tat-terminu xaqq/tarġa fil-blat. | 2.2k Insemmi xaqq/tarġa fil-blat fl-art prominenti li tinsab f'Malta. | 2.3k Nispjega kif iċ-ċaqliq tal-art biddel l-għamla tal-art f'Malta.<br><br>*Il-Great Fault; Ix-Xaqq tal-Magħlaq; rift valleys (eż. Wied tal-Pwales).* |

| **L-Aspett tas-Suġġett 3:** | **L-ilmijiet u l-artijiet** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 3:**<br><br>**(Karta II)** | **Nifhem iċ-ċiklu tal-ilma u niddeskrivi l-formazzjoni tal-forom tal-art mal-kosta.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 3.1a Nikteb/nimmarka fuq l-istampi billi nuża terminoloġija relatata maċ-ċiklu idroloġiku.<br><br>*L-evaporazzjoni; it- traspirazzjoni; il-kondensazzjoni; il-preċipitazzjoni; l-ilma ġieri; l-infiltrazzjoni; il-perkolazzjoni; l-ilma tal-pjan.* | 3.2a Niddeskrivi ċ-ċiklu tal- idroloġiku. | |
| 3.1b Nagħmel distinzjoni bejn formazzjonijiet ta' blat permeabbli u impermeabbli f'Malta. | 3.2b Niddeskrivi l-formazzjoni tal-ħażniet tal-ilma f'Malta.<br><br>*Il-ħażna tal-ilma ta' fuq it-tafal; il-ħażna tal-ilma tal-pjan.* | |
| 3.1c Nikteb/nimmarka fuq l-istampi li juru l-formazzjoni ta' ħażna tal-ilma ta' fuq it-tafal tipika f'Malta. | 3.2c Nispjega l-importanza tal-ħażniet tal-ilma ta' fuq it-tafal f'Malta għall-bijodiversità, l-ekoloġija u l-agrikoltura. | 3.3c Niddiskuti l-impatt tan-nuqqas kbir ta' xita u n-nuqqas ta' ħażniet tal-ilma fuq l-ambjent Malti.<br><br>*Id-deżertifikazzjoni.* |
| 3.1d Nikteb/nimmarka fuq l-istampi li juru l-formazzjoni ta' ħażna tal-ilma tal-pjan tipika f'Malta. | 3.2d Niddeskrivi l-irwol tal-ħażna tal-ilma tal-pjan f'Malta fil-produzzjoni tal-ilma ħelu. | |
| 3.1e Insemmi theddid għall-ħażniet tal-ilma f'Malta.<br><br>*Ftit xita; l-estrazzjoni żejda; it-tniġġis; l-iżvilupp urban.* | 3.2e Niddeskrivi theddid għall-ħażniet tal-ilma f'Malta.<br><br>*Ftit xita; l-estrazzjoni żejda; it-tniġġis mill-biedja u industriji oħra; l-infiltrazzjoni kimika; l-infiltrazzjoni tal-ilma baħar; l-iżvilupp urban; id-densità tal-popolazzjoni; it-turiżmu.* | 3.3e Niddiskuti l-estrazzjoni mingħajr kontroll tal-ilma tal-pjan mill-ħażniet f'Malta.<br><br>*L-estrazzjoni żejda vs r-rifroniment tal-ħażna tal-ilma ta' fuq it-tafal u tal-pjan; salinazzjoni tal-ħażna tal-ilma tal-pjan.* |
| 3.1f Nagħti t-tifsira tal-proċess tar-reverse osmosis (desalinazzjoni). | 3.2f Niddeskrivi b'eżempji l-irwol tal-impjanti tar-reverse osmosis (desalinazzjoni) li jipprovdu provista t'ilma tajjeb għax-xorb f'Malta. | 3.3f Niddiskuti l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-impjanti tar-reverse osmosis. |
| 3.1g Nagħti t-tifsira tat-termimu tisfija tad-drenaġġ. | 3.2g Niddeskrivi b'eżempji l-irwol tal-impjanti għat-tisfija tad-drenaġġ sabiex ma jkunx hemm possibilità ta' tniġġis tal-art u tal-baħar f'Malta. | 3.3g Nispjega l-importanza tal-impjanti għat-tisfija tad-drenaġġ sabiex jipprovdu lis-settur agrikolu ilma ta' klassi inferjuri tajjeb għat-tisqija. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 3.1h Nidentifika sorsi ta' ilma ħelu fil-gżejjer Maltin.<br><br>*L-ilma tal-pjan; in-nixxigħat; id-desalinazzjoni; it-tisfija tad-drenaġġ.* | 3.2h Nispjega l-importanza tal-konservazzjoni tal-ilma fil-klima ta' Malta (semi-arid).<br><br>*It-tħaffir ta' ġwiebi għall-ġbir tal-ilma tax-xita; il-ġibjuni koperti; id-digi; il-miżuri ta' konservazzjoni tal-ilma fid-dar.* | 3.3h Niddiskuti għażliet ta' stil ta' ħajja li jistgħu jgħinu sabiex nippreservaw ir-riżorsi limitati tal-ilma f'Malta. |
| 3.1i Nagħti t-tifsira tat-termimu pjanura tal-għargħar. | 3.2i Niddeskrivi kawżi naturali u/jew umani li jwasslu għall-għargħar f'żoni baxxi.<br><br>*witat, xita qawwija, deforestazzjoni, tneħħija ta' art agrikola għall-bini u infrastruttura tat-toroq.* | 3.3i Niddiskuti kif l-għargħar mix-xita jista' jiġi evitat f'Malta. |
| 3.1j Nagħti t-tifsira ta' erożjoni kostali (xatt), ġarr ta' materjal u/jew depożizzjoni. | 3.2j Nagħraf proċessi (anke stampi) marbuta mal-moviment tal-mewġ.<br><br>*L-erożjoni, il- ġarr, id-depożizzjoni.* | 3.3j Niddeskrivi miżuri adottati mill-bnedmin sabiex jipprevjenu t-telf tal-bajjiet u jillimitaw l-erożjoni kostali (xatt).<br><br>*Strutturi li jkissru s-saħħa tal-mewġ (wave breaks); mollijiet tal-konkrit jew magħmulin minn ġebel kbir (sea walls); groynes biex inaqqsu t-telf tar-ramel.* |
| 3.1k Nidentifika minn fuq stampi karatteristiċi li jirriżultaw minn erożjoni kostali (xatt).<br><br>*Qatgħa baxxa taħt is-sies; irtirar tas-sies, il-blataformi.* | 3.2k Niddeskrivi proċessi li jirriżultaw minn erożjoni kostali (xatt).<br><br>*Qatgħa baxxa taħt is-sies; irtirar tas-sies; il-blataformi.* | |
| 3.1l Nidentifika minn fuq stampi karatteristiċi li jirriżultaw mill-erożjoni ta' lsien ta' art.<br><br>*L-għar; il-ħnejja; it-taqtigħa; is-sikka żgħira (stump).* | 3.2l Nispjega, bl-użu ta' stampi, il-komponenti prinċipali għala sseħħ l-erożjoni ta' ilsien ta' art.<br><br>*L-għar; il-ħnejja;; it-taqtigħa; is-sikka żgħira (stump).* | 3.3l Niddeskrivi kif isseħħ l-erożjoni ta' ilsien ta' art.<br><br>*L-għar; il-ħnejja; il-fdal tat-taqtigħa; is-sikka żgħira (stump).* |
| 3.1m Nagħraf karatteristiċi mill-kosta Maltija li fihom eżempji ta' karatteristiċi minn erożjoni kostali msemmija f'3.1k u 3.1l. | 3.2m Nidentifika karatteristiċi mill-kosta Maltija li juru proċessi ta' erożjoni kostali msemmija f'3.2k u 3.2l. | |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 4:** | **Ir-riżorsi, l-immaniġjar tal-iskart u t-tibdil fil-klima** |
| **Kisba mit-Tagħlim 4:**<br><br>**(Karta II)** | **Nagħmel id-distinzjoni bejn r-riżorsi rinnovabbli u oħrajn mhux rinnovabbli. Nuri fehim tal-proċessi tal-formazzjoni tal-ħamrija u proċessi differenti ta' agrikultura tal-art u marittima u sorsi ta' tniġġis fil-baħar. Nuri għarfien tal-isfidi li għandhom x'jaqsmu mal-immaniġjar tal-iskart u t-tibdil fil-klima globali.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 4.1a Nagħti t-tifsira tat-termimi riżorsi rinnovabbli u/jew mhux rinnovabbli. | 4.2a Niddeskrivi riżorsi ta' enerġija rinnovabbli u/jew mhux rinnovabbli b'eżempji.<br><br>*L-Enerġija Rinnovabbli: mir-riħ, solari (mis-sħana u fotovoltajka), l-enerġija idroelettrika.*<br>*L-Enerġija mhux Rinnovabbli: il-faħam, iż-żejt u l-gass.* | 4.3a Nispjega l-vantaġġi u/jew l-iżvantaġġi tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u/jew mhux rinnovabbli.<br><br>*Ambjentali; tas-soċjetà.* |
| 4.1b Nagħmel lista ta' benefiċċji ta' sorsi rinnovabbli ta' enerġija li qed jintużaw illum f'Malta. | 4.2b Niddeskrivi l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u/jew mhux rinnovabbli ta' Malta. | 4.3b Niddiskuti l-użu ta' sorsi ta' enerġija sostenibbli u/jew alternattivi f'Malta. |
| 4.1c Nagħraf l-importanza tal-ħamrija bħala riżorsa naturali. | 4.2c Nelabora fuq l-importanza tal-ħamrija bħala riżorsa naturali. | |
| 4.1d Insemmi fatturi li jwasslu għall-formazzjoni tal-ħamrija.<br><br>*It-tmermir u l-erożjoni tal-blat; iż-żieda tal-materjal organiku (humus).* | 4.2d Niddeskrivi minn xhiex hi magħmula l-ħamrija.<br><br>*It-tmermir tal-blat prinċipali; l-ilma; l-arja; l-organiżmi ħajjin; il-materja organika li qed titmermer.* | |
| 4.1e Nikteb/nimmarka fuq stampi li juru profil tal-ħamrija bażiku.<br><br>*Is-sodda tal-blat; il-fond tal-ħamrija; il-ħaxix; u l-weraq niexef.* | 4.2e Niddeskrivi profil tal-ħamrija bażiku.<br><br>*Is-sodda tal-blat; il-fond tal-ħamrija; il-ħaxix; u l-weraq niexef.* | |
| 4.1f Insemmi tipi differenti ta' ħamrija Maltija.<br><br>*Il-ħamrija tal-ħamri; il-ħamrija tal-bajjad;*<br>*il-ħamrija kannella.* | 4.2f Niddeskrivi l-karatteristiċi tal-ħamrija Maltija.<br><br>*Il-ħamrija tal-ħamri; il-ħamrija tal-bajjad; il-ħamrija kannella.* | 4.3f Niddeskrivi l-fatturi li jinfluwenzaw il-formazzjoni u l-permeabilità tal-ħamrija Maltija.<br><br>*Il-klima; il-materjal prinċipali.* |
| 4.1g Nagħti t-tifsira tat-terminu erożjoni (telf) tal-ħamrija. | 4.2g Niddeskrivi l-kawżi naturali u/jew umani għall-erożjoni (telf) tal-ħamrija.<br><br>*Id-deforestazzjoni; il-ħrit tal-art 'l fuq u 'isfel; ir-ragħa żejjed; l-eżawriment tal-ħamrija; il-ħitan tas-sejjieħ imġarrfa; l-urbanizzazzjoni fil-kampanja; il-qerda tal-abitat; ix-xita; u r-riħ.* | 4.3g Niddiskuti kif kawżi naturali u/jew umani jsarrfu f'erożjoni (telf) tal-ħamrija. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 4.1h Insemmi modi kif l-erożjoni (telf) tal-ħamrija tista' titnaqqas b'mod sinifikanti.<br><br>*Il-programmi ta' afforestazzjoni; il-ħrit tal-art kontra n-niżla; in-newba; ir-ragħa kkontrollata; l-għelieqi mtarrġa.* | 4.2h Niddeskrivi l-miżuri għall-konservazzjoni tal-ħamrija.<br><br>*Il-programmi ta' afforestazzjoni; il-ħrit tal-art kontra n-niżla; in-newba; ir-ragħa kkontrollata; l-għelieqi mtarrġa; il-ħitan tas-sejjieħ; metodi ta' tisqija (bil-qatra u l-ferfiera).* | 4.3h Niddiskuti l-importanza tal-konservazzjoni u l-immaniġġjar tal-ħamrija għall-għejxien sostenibbli.<br><br>*Aspetti tal-konservazzjoni tal-ħamrija fil-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli 11 (Bliet u Komunitajiet Sostenibbli), 13 (Tibdil fil-Klima) & 15 (Il-Ħajja fuq l-Art).* |
| 4.1i Nagħti t-tifsira ta' tipi differenti ta' biedja l-kultivazzjoni tar-raba', it-trobbija tal-bhejjem, u x-xogħol tar-raba' u l-bhejjem. | 4.2i Nagħmel lista tal-limitazzjonijiet ewlenin ghall-biedja fejn isir l-kultivazzjoni tar-raba/ trobbija tal-bhejjem.<br><br>*L-għelieqi żgħar; l-aċċessibbiltà; il-ħamrija mhux fonda; ħamrija b'kontenut baxx ta' materjal organiku (humus).* | 4.3i Niddeskrivi l-importanza tal-għelieqi mtarrġa, il-ħitan tas-sejjieħ, it-tisqija, in-newba; u s-serer għall-agrikoltura Maltija. |
| 4.1j Nagħraf il-metodi tradizzjonali tat-tisqija tal-għelieqi.<br><br>*Il-metodi ta' tisqija tradizzjonali li jużaw kanali tal-ilma miftuħin, ġwiebi u spejjer.* | 4.2j Niddeskrivi l-iskop tan-newba fl-agrikoltura. | 4.3j Nispjega kif il-ħrit tal-art bil-kontra tan-niżla jista' jgħin sabiex jinżamm l-ilma. |
| 4.1k Nagħraf il-ħsara ambjentali minħabba l-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti artifiċjali. | 4.2k Niddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-biedja organika. | 4.3k Nispjega l-vantaġġi tal-użu ta' metodi ta' biedja organika fl-agrikoltura. |
| 4.1l Nagħti t-tifsira tat-termini ekoturiżmu u agrituriżmu. | 4.2l Niddeskrivi eżempji ta' ekoturiżmu u agrituriżmu f'Malta. | 4.3l Niddiskuti n-natura sostenibbli tal-ekoturiżmu u l-agrituriżmu. |
| 4.1m Insemmi xi għanijiet bażiċi tal-baħar u r-riżorsi tiegħu. | 4.2m Nagħmel lista ta' għanijiet tal-baħar bħala riżorsa naturali għall-ikel, it-trasport u r-rikreazzjoni. | 4.3m Nagħmel lista ta' għanijiet tal-baħar bħala riżorsa naturali għall-ikel u l-ilma, it-trasport, ir-rikreazzjoni u l-attivitajiet ekonomiċi. |
| 4.1n Insemmi s-sorsi ewlenin għat-tniġġis fil-baħar. | 4.2n Niddeskrivi s-sorsi għat-tniġġis fil-baħar.<br><br>*Ir-rimi ta' drenaġġ mhux trattat; it-tixrid taż-żejt; l-iskart industrijali, l-irziezet tal-ħut, il-ħolqien ta' bajjiet ġodda tar-ramel.* | |
| 4.1o Insemmi żoni fl-arċipelagu Malti fejn jinsabu l-irziezet tal-ħut. | 4.2o Nispjega d-differenza bejn l-irziezet tal-ħut mal-kosta (xatt) u oħrajn lil hinn mill-kosta (xatt). | |
| 4.1p Nagħmel lista ta' vantaġġi u żvantaġġi tal-irziezet tal-ħut. | 4.2p Niddeskrivi l-impatti pożittivi u negattivi tal-irziezet tal-ħut. | 4.3p Niddiskuti l-impatti pożittivi u negattivi tal-irziezet tal-ħut. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 4.1q Nagħti t-tifsira ta’ barriera (quarrying). | 4.2q Nagħmel distinzjoni bejn barrieri Maltin tal-franka u tal-qawwi. | 4.3q Niddiskuti r-raġunijiet għalfejn il-barrieri b’‘ġebel iebes’ huma essenzjali fl-industrija tal-kostruzzjoni f’Malta.<br><br>*Irħas fil-produzzjoni; ħafif biex jinġarr; numru limitat ta’ ġebel globigerina ta’ kwalità tajba.* |
| | 4.2r Niddeskrivi l-ħidma fil-barrieri bħala sors ta’ tniġġis.<br><br>*L-arja; l-istorbju; l-ilma; il-viżwali.* | 4.3r Niddiskuti r-relazzjoni bejn il-barrieri u l-art agrikola u/jew il-qerda tal-abitat. |
| 4.1s Insemmi modi kif barrieri mitluqa jistgħu jerġgħu jintużaw b’mod sostenibbli. | 4.2s Niddeskrivi modi kif barrieri mitluqa jistgħu jerġgħu jintużaw u/jew jiġu riabilitati.<br><br>*Ir-rimi ta’ skart tal-kostruzzjoni f’miżbla kkontrollata; il-konverżjoni ta’ barrieri f’art agrikola; ħolqien ta’ parks b’tema jew storiċi.* | 4.3s Nagħmel distinzjoni bejn tipi differenti ta’ skart.<br><br>*Skart perikoluż; organiku; riċiklabbli u skart ieħor.* |
| 4.1t Nagħti t-tifsira tat-‘three Rs’ fl-immaniġġjar tal-iskart. | 4.2t Niddeskrivi t- ‘three Rs’ fl-immaniġġjar tal-iskart.<br><br>*‘Reduce; reuse; recycle’.* | 4.3t Niddiskuti kif it-‘three Rs’ fl-immaniġġjar tal-iskart jistgħu jiġu applikati għall-industrija tal-kostruzzjoni Maltija.<br><br>*L-użu mill-ġdid tal-ġebel; l-immaniġġjar aħjar tal-proprjetà vakanti; l-effiċjenza fl-enerġija.* |
| 4.1u Insemmi r-raġunijiet għall-problema tal-iskart u/jew taż-żibel f’Malta.<br><br>*Id-densità tal-popolazzjoni; it-turiżmu; in-nuqqas ta’ għarfien ċiviku; in-nuqqas ta’ miżbliet; l-istil ta’ ħajja attwali.* | 4.2u Niddeskrivi soluzzjonijiet possibbli għall-problema tal-iskart u/jew taż-żibel f’Malta.<br><br>*Is-separazzjoni tal-iskart; siti ta’ kumditajiet ċiviċi; is-servizz tal-bulky refuse.* | 4.3u Nispjega kif l-iskart jista’ jinbidel f’riżorsa.<br><br>*B’riċiklaġġ; b’miżbliet ikkontrollati; b’inċinerazzjoni; kompost; b’trattament tad-drenaġġ.* |
| 4.1v Nagħti t-tifsira tat-terminu Tibdil fil-Klima globali. | 4.2v Niddeskrivi l-attivitajiet umani li jikkawżaw tibdil fil-klima globali. | 4.3v Niddiskuti kif it-tibdil fil-klima globali se jkollha impatt fuq l-ambjent.<br><br>*Soċjetali; ambjentali; bijodiversità.* |
| 4.1w Nagħti t-tifsira tat-terminu Effett Serra. | 4.2w Noħloq skeċċ u/jew nimmarka fuq l-istampi li juru kif iseħħ l-Effett Serra. | 4.3w Niddeskrivi kif l-Effett Serra jwassal għal żieda globali fit-temperatura. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 4.1x Nagħti t-tifsira tat-terminu Tisħin Globali. | 4.2x Nagħraf id-differenzi bejn it-Tisħin Globali u t-Tibdil fil-Klima. | 4.3x Niddeskrivi d-differenza bejn it-Tisħin Globali u t-Tibdil fil-Klima. |
| 4.1y Nagħti t-tifsira tat-terminu s-Saff tal-Ożonu. | 4.2y Niddeskrivi l-attivitajiet umani li qed jeqirdu s-Saff tal-Ożonu. | 4.3y Nispjega għaliex is-Saff tal-Ożonu jeħtieġ li jiġi mħares minn perspettiva soċjali. |
| 4.1z Insemmi sorsi ta' tniġġis ambjentali f'Malta. | | 4.3z Niddiskuti l-isforzi kemm tal-UE kif ukoll ta' Malta sabiex jiżdied l-użu tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli.<br><br>*Eż. karozzi elettriċi, pannelli fotovoltajċi, solar water heaters, apparat elettroniku effiċjenti, iż-żamma tal-ilma tax-xita.* |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 5:** | **L-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Malta: 1400-2004 W.K.** |
| **Kisba mit-Tagħlim 5:**<br><br>**(Karta II)** | **Ninvestiga u niddiskuti l-bidliet politiċi, soċjali u ekonomiċi, punti ta' referenza, żviluppi u kuntrasti fis-soċjetà Maltija mill-1400 W.K. sal-2004 bl-użu ta' sorsi primarji u sekondarji.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 5.1a Nagħti t-tifsira tat-terminu piraterija. | 5.2a Insemmi l-attivitajiet u/jew l-irwoli li għandhom x'jaqsmu mal-piraterija.<br><br>*Ir-reklutaġġ tal-ekwipaġġ; l-armar tal-vapuri; it-tqassim tal-affarijiet misruqa (proviżjonijiet u skjavi); negozjanti; kaptani; baħrin; snajja' marbuta mal-attività marittima.* | 5.3a Niddiskuti xi wħud mill-effetti soċjoekonomiċi fl-industrija tal-piraterija.<br><br>*Eż. imwiet; skjavitù; impjiegi; il-Port il-Kbir bħala ċentru għall-pirati.* |
| 5.1b Nagħti t-tifsira tat-terminu Inkwiżizzjoni. | 5.2b Nidentifika r-raġunijiet għat-twaqqif tal-Inkwiżizzjoni f'Malta.<br><br>*It-tixrid tal-Protestantiżmu; l-influwenza protestanta fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann; saret talba formali mill-Gran Mastru.* | 5.3b Niddeskrivi l-irwol tal-Inkwiżitur f'Malta.<br><br>*Protettur tal-Fidi kontra (l-ereżiji, sħaħar, dagħa, prattiċi mhux reliġjużi); imħallef ekkleżjastiku; rappreżentant tal-Papa.* |
| 5.1c Nidentifika s-sede tal-Inkwiżizzjoni f'Malta. | 5.2c Insemmi tipi ta' reati u/jew kastigi maħruġa mill-Inkwiżizzjoni ta' Malta.<br><br>*Priġunerija; qdif; talb; attendenza fil-quddiesa; atti ta' karità; tortura.* | 5.3c Nispjega l-impatt tal-Inkwiżizzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum tal-Maltin.<br><br>*Iċ-ċensura; il-konformità reliġjuża.* |
| 5.1d Nidentifika abitazzjonijiet ġodda li żviluppaw matul il-perjodu tal-Kavallieri.<br><br>*L-Isla; Bormla; il-Belt; il-Furjana; Raħal Ġdid.* | 5.2d Nispjega kif u għaliex iż-żona tal-Port il-Kbir saret iċ-ċentru ewlieni urbanizzat tal-gżejjer Maltin taħt il-Kavallieri. | 5.3d Niddiskuti l-effetti li ħalliet l-urbanizzazzjoni gradwali taż-żona tal-Port il-Kbir fuq il-Kavallieri u l-Maltin. |
| 5.1e Nidentifika l-ibliet fortifikati ta' Malta u Għawdex u xi wħud mill-irħula ewlenin matul il-perjodu tal-Kavallieri. | 5.2e Niddeskrivi t-tibdil fix-xejriet tal-abitazzjonijiet ġodda matul il-perjodu tal-Kavallieri. | |
| | 5.2f Niddeskrivi t-tibdil fix-xejriet tal-abitazzjonijiet ġodda Maltin matul il-perjodu Ingliż. | 5.3f Niddiskuti r-raġunijiet għall-bidliet u l-iżviluppi fix-xejriet tal-abitazzjonijiet ġodda Maltin lejn l-aħħar tal-perjodu Medjevali sal-lum. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 5.1g Nidentifika l-effetti soċjali u ekonomiċi riżultat ta' tibdil fix-xejriet tal-abitazzjonijiet ġodda lejn l-aħħar tal-perjodu Medjevali sal-lum.<br><br>*Lejn l-aħħar tal-perjodu Medjevali: ibbażat fuq l-agrikoltura; perjodi tal-Kavallieri u l-Ingliżi: numru ta' abitazzjonijiet ġodda madwar il-Port il-Kbir.* | 5.2g Niddeskrivi l-effetti soċjali u ekonomiċi riżultat ta' tibdil fix-xejriet tal-abitazzjonijiet ġodda lejn l-aħħar tal-perjodu Medjevali sal-lum.<br><br>*Lejn l-aħħar tal-perjodu Medjevali: ibbażat fuq l-agrikoltura; perjodi tal-Kavallieri u l-Ingliżi: numru ta' abitazzjonijiet ġodda madwar il-Port il-Kbir.* | 5.3g Niddiskuti l-effetti soċjali u ekonomiċi pożittivi u/jew negattivi riżultat ta' tibdil fix-xejriet tal-abitazzjonijiet ġodda lejn l-aħħar tal-perjodu Medjevali sal-lum.<br><br>*Lejn l-aħħar tal-perjodu Medjevali: ibbażat fuq l-agrikoltura; perjodi tal-Kavallieri u l-Ingliżi: numru ta' abitazzjonijiet ġodda madwar il-Port il-Kbir.* |
| 5.1h Nidentifika r-raġunijiet għalfejn Malta kellha żieda kostanti fil-popolazzjoni mill-1530 W.K. sal-lum. | 5.2h Nispjega għalfejn il-popolazzjoni ta' Malta kibret b'mod kostanti mill-1530 W.K. sal-lum. | 5.3h Nanalizza l-kawżi u l-effetti ta' bidliet qawwija fil-popolazzjoni Maltija mill-1530 W.K. sal-lum. |
| 5.1i Nidentifika r-raġunijiet għall-kundizzjonijiet ħżiena ta' saħħa u sanità f'Malta mill-perjodu tal-Kavallieri sal-1945. | 5.2i Nispjega għaliex gruppi ta' Maltin sofrew kundizzjonijiet ħżiena ta' saħħa pubblika u sanità matul il-perjodu tal-Kavallieri sal-1945. | 5.3i Niddiskuti żviluppi sinifikanti fir-rigward tal-isptarijiet, is-saħħa pubblika u s-sanità minn żmien il-perjodu tal-Kavallieri sal-1945. |
| 5.1j Nagħti t-tifsira tat-terminu ekonomija ta' fortizza (fortress economy). | 5.2j Niddeskrivi ekonomija ta' fortizza (fortress economy) billi nagħti eżempji ta' impjiegi disponibbli fil-perjodu Ingliż f'Malta. | 5.3j Nispjega t-tranżizzjoni minn ekonomija ta' fortizza (fortress economy) lejn ekonomija bbażata fuq il-manifattura u s-servizzi.<br><br>*Iż-żoni industrijali; l-industrija tal-manifattura; il-kostruzzjoni; it-turiżmu.* |
| 5.1k Nidentifika l-mezzi tat-trasport f'Malta minn żmien il-Kavallieri sal-1945. | 5.2k Niddeskrivi kif kienu joperaw il-mezzi differenti ta' trasport f'Malta minn żmien il-Kavallieri sal-1945. | 5.3k Nevalwa l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' mezzi differenti ta' trasport li operaw f'Malta minn żmien il-Kavallieri sal-1945. |
| 5.1l Niddentifika l-impatti pożittivi u negattivi tas-sistemi ġodda tat-trasport mill-1945 sal-lum. | 5.2l Nispjega kif forom differenti ta' trasport ħallew impatt fuq il-ħajja ta' kuljum f'Malta mill-1945 sal-lum. | 5.3l Niddiskuti l-impatt ta' forom differenti ta' trasport fuq l-ambjent rurali u urban f'Malta mill-1945 sal-lum. |
| 5.1m Nidentifika forom differenti ta' divertiment f'Malta minn żmien il-Kavallieri sal-1945.<br><br>*Il-Karnival; l-Imnarja; il-festi tar-raħal; ir-Regatta; it-teatru; it-tokis.* | 5.2m Nagħti raġunijiet għaliex ċerti attivitajiet ta' divertiment minn żmien il-Kavallieri sal-1945 kienu marbuta mal-istratifikazzjoni soċjali.<br><br>*Il-Karnival; l-Imnarja; il-festi tar-raħal; ir-Regatta; it-teatru; it-tokis.* | 5.3m Inqabbel u nikkuntrasta d-divertiment fiċ-ċentri urbani u rurali f'Malta minn żmien il-Kavallieri sal-1945.<br><br>*Il-Karnival; l-Imnarja; il-festi tar-raħal; ir-Regatta; it-teatru; it-tokis.* |
| 5.1n Nidentifika l-każijiet ta' bidliet u kontinwità fl-attivitajiet ta' divertiment f'Malta mill-1945 sal-lum.<br><br>*Il-Karnival; l-Imnarja; il-festi tar-raħal; ir-Regatta; it-teatru; it-tokis, il-kaċċa u l-insib.* | 5.2n Nispjega każijiet ta' bidliet u kontinwità fl-attivitajiet ta' divertiment f'Malta mill-1945 sal-lum.<br><br>*Il-Karnival; l-Imnarja; il-festi tar-raħal; ir-Regatta; it-teatru; it-tokis, il-kaċċa u l-insib.* | 5.3n Nanalizza kif it-teknoloġija moderna għenet sabiex l-attivitajiet ta' divertiment f'Malta inbiddlu mill-1945 sal-lum.<br><br>*Il-Karnival; l-Imnarja; il-festi tar-raħal; ir-Regatta; it-teatru; it-tokis, il-kaċċa u l-insib.* |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 6:** | **L-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Malta: illum il-ġurnata** |
| **Kisba mit-Tagħlim 6:**<br><br>**(Karta II)** | **Niddiskuti l-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Malta tal-lum il-ġurnata.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 6.1a Nagħti t-tifsira tat-terminu soċjetà. | 6.2a Niddeskrivi l-karatteristiċi ta' stat.<br><br>*Territorjali; is-sistema legali.* | |
| 6.1b Nidentifika gruppi soċjali differenti.<br><br>*It-tfal; iż-żgħażagħ; l-anzjani; il-persuni b'diżabilità.* | 6.2b Nispjega d-diffikultajiet u/jew l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom gruppi soċjali differenti. | |
| 6.1c Nagħti t-tifsira tat-terminu istituzzjonijiet soċjali. | 6.2c Nispjega l-irwoli u l-funzjonijiet tal-istituzzjonijiet soċjali f'Malta.<br><br>*Il-familja; l-edukazzjoni; ir-reliġjon; is-saħħa.* | 6.3c Niddiskuti l-interdipendenza tal-istituzzjonijiet soċjali u t-tibdil soċjali. |
| 6.1d Nagħti t-tifsira tat-terminu soċjalizzazzjoni. | 6.2d Nispjega kif isseħħ is-soċjalizzazzjoni.<br><br>*Is-Soċjalizzazzjoni Primarja; is-Soċjalizzazzjoni Sekondarja; l-aġenti tas-soċjalizzazzjoni.* | 6.3d Niddiskuti l-importanza tas-soċjalizzazzjoni fis-soċjetà. |
| 61.e Nagħti t-tifsira tat-termini kriminalità u/jew illegalitajiet. | 6.2e Nispjega kif is-soċjetà tikkontrolla l-imġiba. | 6.3e Neżamina kif is-soċjetà tikkontrolla ċertu mġiba permezz ta' sanzjonijiet. |
| 6.1f Nagħti t-tifsira tat-terminu żvilupp soċjoekonomiku. | 6.2f Nispjega l-iżviluppi soċjoekonomiċi li esperjenzaw il-Maltin fil-perjodu ta' wara l-Indipendenza.<br><br>*Żieda fil-PGD; kemm mistenni tgħix (life expectancy); il-litteriżmu; l-impjiegi.* | 6.3f Niddiskuti l-importanza tal-iżvilupp soċjoekonomiku bħala ħtieġa importanti ħafna għall-iżvilupp sostenibbli.<br><br>*L-inklużjoni; għan-nies; l-ugwaljanza bejn is-sessi; l-immaniġġjar tar-riżorsi.* |
| 6.1g Nidentifika s-setturi tal-ekonomija.<br><br>*Il-ħames setturi.* | 6.2g Nispjega s-setturi tal-ekonomija.<br><br>*Il-ħames setturi.* | 6.3g Niddiskuti kif setturi differenti tal-ekonomija Maltija huma relatati ma' xulxin. |
| 6.1h Nagħmel distinzjoni bejn l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet. | 6.2h Nagħti eżempji tal-esportazzjonijiet u/jew l-importazzjonijiet ewlenin f'Malta. | 6.3h Niddiskuti l-iżvilupp ekonomiku ta' Malta fis-seklu wieħed u għoxrin.<br><br>*Il-lokazzjoni; l-ekonomija; l-implikazzjonijiet soċjali; it-tkabbir tal-ibliet u l-irħula; bini ogħli.* |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 6.1i Insemmi l-impatti pożittivi u/jew negattivi taż-żoni industrijali. | 6.2i Nispjega kif iż-żoni industrijali jħallu impatt fuq l-ambjent. | |
| 6.1j Nidentifika elementi tal-kultura Maltija. | 6.2j Nispjega l-impatt tal-kultura Maltija fuq l-istil ta' ħajja tan-nies. | |
| 6.1k Nagħti t-tifsira tat-terminu divertiment. | 6.2k Niddeskrivi modi kontemporanji ta' divertiment f'Malta. | 6.3k Inqabbel u nikkuntrasta l-attivitajiet ta' divertiment tal-passat ma' tal-lum f'Malta. |
| 6.1l Nagħti t-tifsira tat-terminu midja.<br><br>*Il-midja tal-massa; il-midja soċjali.* | 6.2l Nelabora fuq l-influwenza li qed ikollha l-midja tal-massa u n-Netwerks Soċjali fuq is-soċjetà.<br><br>*It-televiżjoni; ir-radju; ir-reklami; il-gazzetti; il-midja soċjali.* | 6.3l Niddiskuti l-funzjonijiet tal-midja.<br><br>*Divertiment; ekonomika; informazzjoni; soċjalizzazzjoni.* |
| 6.1m Nagħti t-tifsira tat-termini saħħa mentali u/jew saħħa emozzjonali.<br><br>*Emozzjonali; psikoloġiku; social wellbeing.* | 6.2m Nispjega l-importanza tas-saħħa mentali. | 6.3m Niddiskuti l-ħtieġa li tiġi mħarsa s-saħħa mentali għal kwalità ta' ħajja aħjar. |
| 6.1n Nagħti t-tifsira tat-terminu l-kwalità tal-ħajja. | 6.2n Nispjega l-fatturi li jiddeterminaw il-kwalità tal-ħajja.<br><br>*Is-saħħa; id-divertiment u l-interazzjonijiet soċjali; is-sigurtà; il-governanza; ix-xogħol u l-pagi; l-edukazzjoni; il-housing; l-ambjent.* | 6.3n Nissuġġerixxi miżuri li jistgħu jiġu adottati sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja.<br><br>*Personali; Nazzjonali.* |

| **L-Aspett tas-Suġġett 7:** | **Is-soċjetà u l-kultura** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 7:**<br><br>**(Karta II)** | **Nidentifika l-elementi tas-soċjetà u tal-kultura.** |

| **Kriterju tal-Assessjar (Livell 1)** | **Kriterju tal-Assessjar (Livell 2)** | **Kriterju tal-Assessjar (Livell 3)** |
|---|---|---|
| 7.1a Nagħti t-tifsira tat-termini demografija u d-densità tal-popolazzjoni. | 7.2a Niddeskrivi l-impatti minħabba d-densità għolja tal-popolazzjoni fuq is-soċjetà u l-ambjent. | 7.3a Niddiskuti l-impatti minħabba d-densità għolja tal-popolazzjoni fuq is-soċjetà u l-ambjent. |
| 7.1b Nagħti t-tifsira tat-termini kemm mistenni tgħix (life expectancy) u popolazzjoni qed tixjieħ (ageing population). | 7.2b Niddeskrivi l-impatti ta' popolazzjoni li qed tixjieħ (ageing population). | 7.3b Niddiskuti l-impatti ta' popolazzjoni li qed tixjieħ (ageing population). |
| 7.1c Nagħti t-tifsira tat-terminu Globalizzazzjoni. | 7.2c Nagħti eżempji ta' Globalizzazzjoni.<br><br>*Eżempju: e-commerce.* | 7.3c Niddiskuti l-impatt tal-Globalizzazzjoni fuq is-soċjetà tal-lum. |
| 7.1d Nagħti t-tifsira tat-terminu kummerċ ġust. | 7.2d Nispjega l-ħtieġa għall-kummerċ ġust. | 7.3d Niddiskuti l-benefiċċji tal-kummerċ ġust. |
| 7.1e Nagħti t-tifsira tat-terminu kultura. | 7.2e Nagħmel distinzjoni bejn il-kultura dominanti u s-sottokulturi. | 7.3e Niddeskrivi l-elementi differenti li jsawru l-kultura.<br><br>*Il-lingwa; imġiba; in-normi u l-valuri; is-simboli nazzjonali.* |
| 7.1f Nagħti t-tifsira tat-terminu migrazzjoni.<br><br>*Interna; esterna; sfurzata; volontarja; legali; illegali; l-immigrazzjoni; l-emigrazzjoni.* | 7.2f Niddeskrivi r-raġunijiet tal-migrazzjoni.<br><br>*Il-gwerer; ekonomiċi; il-persekuzzjonijiet (politiċi, reliġjużi, razza, sess); id-diżastri naturali; il-bidliet ambjentali.* | 7.3f Nagħmel distinzjoni bejn l-emigrazzjoni u l-immigrazzjoni u nkun kapaċi nirrispondi għall-problemi li jġibu magħhom.<br><br>*Soluzzjonijiet għall-problemi minħabba l-migrazzjoni.* |
| 7.1g Nagħti t-tifsira tat-terminu multikulturaliżmu. | 7.2g Nispjega l-multikulturaliżmu fil-kuntest tal-integrazzjoni soċjali. | 7.3g Nanalizza l-valuri kontemporanji f'soċjetà multikulturali Maltija. |
| 7.1h Insemmi r-raġunijiet għalfejn in-nies jivvjaġġaw.<br><br>*Edukazzjoni; xogħol; divertiment; familja; is-saħħa.* | 7.2h Nispjega l-importanza tat-turiżmu għall-ekonomija Maltija. | 7.3h Neżamina l-impatt tat-turiżmu fuq Malta.<br><br>*Soċjo-ekonomiku; ambjentali; kulturali.* |
| 7.1i Insemmi l-mezzi tat-trasport deħlin u ħerġin minn Malta. | 7.2i Niddeskrivi kif sistemi aħjar tat-trasport jiffaċilitaw l-ivvjaġġar. | 7.3i Niddiskuti t-turiżmu f'kuntest ta' villaġġ wieħed globali. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 7.1j Insemmi forom differenti ta’ trasport f’Malta llum.<br><br>*Id-distanza; il-ħin; in-nefqa; it-trasport ta’ merkanzija.* | 7.2j Niddeskrivi l-isfidi li kellha s-sistema tat-trasport f’Malta.<br><br>*Ambjentali – telf ta’ art agrikola (ODZ); ekonomiċi – żieda fil-ħin tal-ivvjaġġar, in-nies – żieda fl-istress, inċidenti tat-traffiku, żieda fit-tniġġis.* | 7.3j Niddiskuti kif is-sistemi tat-trasport f’Malta jistgħu jiġu modifikati sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-lum.<br><br>*It-trasport marittimu; it-trasport ekoloġiku; il-metro.* |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 8:** | **Ix-xogħol u l-ispazju għall-Familja** |
| **Kisba mit-Tagħlim 8:**<br><br>**(Karta I u Karta II)** | **Nidentifika u niddiskuti r-relazzjoni bejn ix-xogħol u l-familja, l-iżviluppi fl-istruttura tal-familja u l-kwistjonijiet dwar is-sessi.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 8.1a Insemmi tipi differenti ta' xogħol.<br><br>*Volontarju; bil-ħlas; bla ħlas.* | 8.2a Nagħmel distinzjoni bejn forom ta' impjiegi.<br><br>*Impjegati; jaħdmu għal rashom; freelance; kooperattiva.* | |
| 8.1b Nidentifika l-imsieħba soċjali.<br><br>*It-Trade Unions; l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem; il-Gvern.* | 8.2b Nagħti eżempji ta' Trade Unions u/jew assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem f'Malta. | 8.3b Niddiskuti l-importanza tat-Trade Unions u/jew l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem f'Malta.<br><br>*Id-Drittijiet tal-ħaddiema; id-drittijiet ta' min iħaddem; id-dritt ta' assoċjazzjoni; il-benefiċċji ekonomiċi; l-EIRA; id-djalogu soċjali.* |
| 8.1c Nagħti t-tifsira tat-terminu saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. | 8.2c Nispjega l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. | 8.3c Nelabora fuq l-istrutturi u/jew l-istituzzjonijiet f'Malta li jieħdu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. |
| 8.1d Nagħraf l-effetti tax-xogħol fuq il-livell tal-għejxien tan-nies. | 8.2d Nispjega kif ix-xogħol jinfluwenza il-livell tal-għejxien. | 8.3d Nanalizza r-relazzjoni bejn il-klassi soċjali u x-xogħol. |
| 8.1e Nagħti t-tifsira tat-termini xewqat, ħtiġijiet u/jew konsumeriżmu. | 8.2e Nagħmel distinzjoni bejn ix-xewqat u l-ħtiġijiet ta' soċjetà. | 8.3e Nirrelata kif ix-xogħol jindirizza kemm ix-xewqat u l-ħtiġijiet personali f'soċjetà konsumerista. |
| 8.1f Nagħti t-tifsira tat-terminu lifelong learning. | 8.2f Nispjega l-importanza tal-lifelong learning għax-xogħol.<br><br>*Titjib tal-ħiliet; taħriġ ġdid; edukazzjoni ulterjuri.* | |
| 8.1g Nagħti t-tifsira tat-termini Welfare State u/jew Welfare Society.<br><br>*Il-benefiċċji soċjali; l-Assigurazzjoni Nazzjonali (NI); it-taxxa fuq id-dħul.* | 8.2g Nispjega l-importanza tal-Welfare State u/jew Welfare Society. | 8.3g Niddiskuti d-demografija fil-kuntest tal-Welfare State u/jew Welfare Society. |
| 8.1h Nagħti t-tifsira tat-termini differenza fil-paga (pay-gap) u ġustizzja u/jew inġustizzja soċjali. | 8.2h Niddeskrivi problemi fuq ix-xogħol.<br><br>*Id-differenza fil-pagi fuq bażi ta' razza u ġeneru; il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE).* | 8.3h Niddiskuti kif l-inugwaljanza fuq il-post tax-xogħol tikkontribwixxi għall-faqar u/jew l-inġustizzja soċjali. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 8.1i Nidentifika d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-familja. | 8.2i Nelabora fuq l-irwoli, ir-responsabbiltajiet u/jew id-drittijiet differenti tal-membri tal-familja. | 8.3i Neżamina kif l-irwoli, ir-responsabbiltajiet u/jew id-drittijiet tal-membri tal-familja qed jevolvu sabiex jissodisfaw it-talbiet ta' soċjetà li qed tinbidel. |
| 8.1j Insemmi l-funzjonijiet tal-familja.<br><br>*soċjali, edukattivi, ekonomiċi, riproduttivi, psikoloġiċi, emozzjonali.* | 8.2j Nispjega l-funzjonijiet tal-familja f'soċjetà kontemporanja.<br><br>*soċjali, edukattivi, ekonomiċi, riproduttivi, psikoloġiċi, emozzjonali.* | 8.3j Niddiskuti kif il-funzjonijiet tal-familja kibru maż-żmien.<br><br>*soċjali, edukattivi, ekonomiċi, riproduttivi, psikoloġiċi, emozzjonali.* |
| 8.1k Insemmi tipi differenti ta' familji.<br><br>*Tradizzjonali; simetrika; moderna; patrijarkali; matrijarkali; b'ġenitur wieħed; familji tal-istess sess; b'koabitazzjoni.* | 8.2k Nelabora fuq tipi differenti ta' familji.<br><br>*Tradizzjonali; simetrika; moderna; patrijarkali; matrijarkali; b'ġenitur wieħed; familji tal-istess sess; b'koabitazzjoni.* | 8.3k Nanalizza tipi differenti ta' familji.<br><br>*Tradizzjonali; simetrika; moderna; patrijarkali; matrijarkali; b'ġenitur wieħed; familji tal-istess sess; b'koabitazzjoni.* |
| 8.1l Nagħmel distinzjoni bejn sess u ġeneru. | 8.2l Niddeskrivi l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. | 8.3l Niddiskuti miżuri meħuda sabiex tkun imħarsa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. |
| 8.1m Nagħti t-tifsira ta' LGBTIQ+. | 8.2m Nispjega l-importanza tal-ugwaljanza f'LGBTIQ+. | 8.3m Nispjega kif il-leġiżlazzjoni wittiet it-triq għall-ugwaljanza f'LGBTIQ+. |
| 8.1n Nagħti t-tifsira ta' vjolenza domestika, vjolenza abbażi ta' ġeneru u/jew aljenazzjoni tal-ġenituri. | 8.2n Niddeskrivi l-vjolenza domestika, il-vjolenza abbażi ta' ġeneru u/jew l-aljenazzjoni tal-ġenituri.<br><br>*Fiżika; mentali; emozzjonali; finanzjarja; iżolament; sesswali.* | 8.3n Nispjega l-irwol tal-istituzzjonijiet soċjali sabiex jikkumbattu l-vjolenza domestika, il-vjolenza abbażi ta' ġeneru u/jew l-aljenazzjoni tal-ġenituri.<br><br>*Eżempji: Il-Pulizija; l-Appoġġ; il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza abbażi ta' ġeneru u l-Vjolenza Domestika.* |
| 8.1o Insemmi tipi differenti ta' żwiġijiet.<br><br>*Monogamija; poligamija; poliandrija; tal-istess ġeneru.* | 8.2o Nelabora fuq it-tipi differenti ta' żwiġijiet.<br><br>*Monogamija; poligamija; poliandrija; tal-istess ġeneru.* | 8.3o Niddiskuti kif l-enfasi fuq il-ġid tal-individwali f'soċjetà kontemporanja qed tħalli impatt fuq iż-żwieġ. |
| 8.1p Insemmi tipi ta' miżuri favur il-familja. | 8.2p Nelabora dwar kif l-istruttura tal-familja nbidlet maż-żmien.<br><br>*Pre-industrijali, industrijali u teknoloġika/post-industrijali.* | 8.3p Niddiskuti kif ir-realtajiet ekonomiċi kellhom impatt fuq l-istruttura tal-familja. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 9:** | **Il-politika f'Malta** |
| **Kisba mit-Tagħlim 9:**<br><br>**(Karta II)** | **Niddiskuti l-kuntest politiku Malti tal-lum il-ġurnata kif ukoll il-miri storiċi politiċi ta' Malta miksuba fis-seklu dsatax.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 9.1a Insemmi sistemi u/jew tipi differenti ta' gvern.<br><br>*Il-monarkija; ir-repubblika; id-demokrazija; id-dittatorjat.* | 9.2a Niddeskrivi sistemi u/jew tipi differenti ta' gvern.<br><br>*Il-monarkija; ir-repubblika; id-demokrazija; id-dittatorjat.* | 9.3a Inqabbel u nikkuntrasta l-karatteristiċi ta' sistemi differenti ta' gvern.<br><br>*Il-monarkija; ir-repubblika; id-demokrazija; id-dittatorjat.* |
| 9.1b Insemmi tipi differenti ta' demokrazija.<br><br>*Diretta; Indiretta (Rappreżentattiva).* | 9.2b Niddeskrivi tipi differenti ta' demokrazija.<br><br>*Diretta; Indiretta (Rappreżentattiva).* | 9.3b Nispjega x'inhi ċittadinanza attiva f'demokrazija.<br><br>*Id-dritt u d-dmir tal-vot (inkluż il-Vot 16+); l-involviment attiv fil-komunitajiet lokali.* |
| 9.1c Nagħti t-tifsira tat-terminu partiti politiċi. | 9.2c Niddeskrivi l-ispettru politiku b'eżempji ta' partiti politiċi.<br><br>*Xellugi; Ċentrali; Lemini.* | 9.3c Inqabbel ideoloġiji varji mill-ispettru politiku.<br><br>*Il-Komuniżmu; is-Soċjaliżmu; il-Ħodor; il-Konservattiżmu; il-Faxxiżmu.* |
| 9.1d Nagħti t-tifsira tat-terminu pressure group. | 9.2d Nidentifika pressure groups attivi f'Malta.<br><br>*Ambjentali; Kulturali; Soċjo-Politiċi.* | 9.3d Nispjega l-irwoli ta' pressure groups f'demokrazija. |
| 9.1e Insemmi l-pilastri tad-demokrazija.<br><br>*Amministrattiv; Eżekuttiv; Ġudizzjarju.* | 9.2e Nagħti t-tifsira tal-pilastri tad-demokrazija.<br><br>*Leġiżlattiv; Eżekuttiv; Ġudizzjarju.* | 9.3e Nispjega l-irwoli (il-funzjoni) tal-pilastri differenti tad-demokrazija.<br><br>*Leġiżlattiv; Eżekuttiv; Ġudizzjarju.* |
| 9.1f Insemmi l-livelli ta' rappreżentanza demokratika.<br><br>*Lokali; nazzjonali; internazzjonali (Parlament Ewropew).* | 9.2f Nispjega l-livelli ta' rappreżentanza demokratika.<br><br>*Lokali; nazzjonali; internazzjonali (Parlament Ewropew).* | 9.3f Niddeskrivi l-irwoli (il-funzjoni) u d-dmirijiet ta' bejn il-gvern lokali u l-gvern nazzjonali. |
| 9.1g Insemmi karatteristiċi tal-amministrazzjoni kolonjali Ingliża ta' Malta.<br><br>*Il-Gvernatur; l-Ammiraljat (Navy); is-Servizzi Militari (inkluż l-Airforce); il-fortizza kolonjali.* | 9.2g Niddeskrivi l-karatteristiċi tal-amministrazzjoni kolonjali Ingliża ta' Malta.<br><br>*Il-Gvernatur; l-Ammiraljat (Navy); is-Servizzi Militari (inkluż l-Airforce); il-fortizza kolonjali.* | 9.3g Niddiskuti l-effetti tal-amministrazzjoni kolonjali Ingliża fuq il-Maltin.<br><br>*Sors ta' impjiegi, żoni ristretti jew riżervati (Barracks, Sptarijiet Militari, Forti, Marsa Sports Grounds); fortizza kolonjali.* |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 9.1h Insemmi l-punti ta' referenza fid-drittijiet politiċi u kostituzzjonali miksuba mill-Maltin.<br><br>*1835 (il-Kostituzzjoni Konsultattiva); 1839 (il-Libertà tal-Istampa); 1849 (id-Dritt tal-vot); 1921 (il-Gvern Awtonomu Lokali).* | 9.2h Niddeskrivi l-punti ta' referenza fid-drittijiet politiċi u kostituzzjonali miksuba mill-Maltin.<br><br>*1835 (il-Kostituzzjoni Konsultattiva); 1839 (il-Libertà tal-Istampa); 1849 (id-Dritt tal-vot); 1921 (il-Gvern Awtonomu Lokali).* | 9.3h Niddiskuti l-punti ta' referenza fid-drittijiet politiċi u kostituzzjonali miksuba mill-Maltin.<br><br>*1835 (il-Kostituzzjoni Konsultattiva); 1839 (il-Libertà tal-Istampa); 1849 (id-Dritt tal-vot); 1921 (il-Gvern Awtonomu Lokali).* |
| 9.1i Insemmi l-kawżi tal-irvellijiet tas-Sette Giugno tal-1919. | 9.2i Nispjega l-kawżi tal-irvellijiet tas-Sette Giugno tal-1919. | 9.3i Niddiskuti l-kawżi tal-irvellijiet tas-Sette Giugno tal-1919. |
| 9.1j Insemmi l-ġrajjiet ewlenin li seħħu waqt l-irvellijiet tas-Sette Giugno tal-1919.<br><br>*Mass meetings; il-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali; marini li sparaw fuq in-nies; inċendji u serq.* | 9.2j Niddeskrivi l-ġrajjiet tal-irvellijiet tas-Sette Giugno tal-1919.<br><br>*Mass meetings; il-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali; marini li sparaw fuq in-nies; inċendji u serq.* | 9.3j Niddiskuti l-konsegwenzi tal-irvellijiet tas-Sette Giugno fuq l-iżvilupp politiku u kostituzzjonali Malti.<br><br>*L-għoti tal-Kostituzzjoni fl-1921.* |
| 9.1k Ngħid x'inhi l-Kwistjoni tal-Lingwa. | 9.2k Niddeskrivi kif il-Kwistjoni tal-Lingwa wasslet għall-formazzjoni tal-ewwel partiti politiċi.<br><br>*Partit favur ir-riforma; Partit kontra r-riforma.* | 9.3k Niddiskuti kif il-Kwistjoni tal-Lingwa affettwat is-sistema politika u edukattiva f'Malta.<br><br>*Rapport Keenan.* |
| 9.1l Nagħraf l-isfidi kostituzzjonali Maltin tas-seklu 20 u 21.<br><br>*1947 Il-Vot Universali; l-Indipendenza (1964); ir-Repubblika (1974); l-Għeluq tal-Bażi Brittanika (1979); Malta tissieħeb fl-UE (2004).* | 9.2l Niddeskrivi l-isfidi kostituzzjonali Maltin tas-seklu 20 u 21.<br><br>*1947 Il-Vot Universali; l-Indipendenza (1964); ir-Repubblika (1974); l-Għeluq tal-Bażi Brittanika (1979); Malta tissieħeb fl-UE (2004).* | 9.3l Niddiskuti l-isfidi kostituzzjonali Maltin tas-seklu 20 u 21.<br><br>*1947 Il-Vot Universali; l-Indipendenza (1964); ir-Repubblika (1974); l-Għeluq tal-Bażi Brittanika (1979); Malta tissieħeb fl-UE (2004).* |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 10:** | **Il-Wirt mibni ta’ Malta: mill-Preistorja sal-Medjuevu** |
| **Kisba mit-Tagħlim 10:**<br><br>**(Karta II)** | **Nagħraf, ninvestiga u niddiskuti l-importanza tal-wirt mibni ta’ Malta mill-Preistorja sal-Medjuevu.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 10.1a Nidentifika bl-użu ta’ sorsi varji, karatteristiċi komuni ta’ tempju megalitiku Malti.<br><br>*Megalitiku; l-arkitettura; il-pjanta tat-tempju; id-dekor tat-tempji; it-tinqix storiku.* | 10.2a Niddeskrivi l-karatteristiċi ġenerali ta’ tempju megalitiku Malti.<br><br>*Megalitiku; l-arkitettura; il-pjanta tat-tempju; id-dekorazzjoni tat-tempji; it-tinqix storiku.* | 10.3a Niddiskuti l-importanza tal-Ipoġew bħala sit ta’ Wirt Dinji.<br><br>*Ċimiterju taħt l-art; il-pjanta; id-dekor.* |
| 10.1b Nagħti t-tifsira ta’ sit Wirt Dinji tal-UNESCO. | 10.2b Nidentifika siti preistoriċi f’Malta li huma siti ta’ Wirt Dinji tal-UNESCO.<br><br>*Ġgantija, Ħaġar Qim, Mnajdra, Tarxien, Skorba, Ħaġrat, Saflieni Hypogeum.* | 10.3b Niddiskuti l-importanza ta’ siti ta’ Wirt Dinji tal-UNESCO. |
| 10.1c Nidentifika d-Dolmen u l-Menhir bħala karatteristiċi arkitettoniċi fi Żmien il-Bronż. | 10.2c Nidentifika l-importanza ta’ Borg in-Nadur bħala abitazzjoni ġdida fi Żmien il-Bronż.<br><br>*Il-Ħitan tas-swar; il-lokazzjoni tal-port; l-art għolja; il-barrakki/l-abitazzjonijiet; il-fosos tas-sajlo; il-cart-ruts.* | 10.3c Niddeskrivi l-Cart-Ruts bħala parti mill-ambjent Malti li jmur lura għal Żmien il-Bronż u l-preservazzjoni tagħhom. |
| 10.1d Nidentifika siti Maltin u/jew Għawdxin li jmorru lura għaż-żmien Feniċju-Puniku.<br><br>*Il-Melite; il-Gaudos; Tas-Silġ.* | 10.2d Niddeskrivi l-karatteristiċi tipiċi ta’ xaft Feniċju-Puniku u l-oqbra fil-blat. | 10.3d Niddiskuti l-lokazzjoni tal-oqbra fir-rigward ta’ abitazzjonjiet ġodda. |
| 10.1e Nidentifika siti urbani Maltin u/jew Għawdxin li jmorru lura għal żmien ir-Rumani.<br><br>*Il-Melite; id-Domus Romana; il-Gaudos.* | 10.2e Niddeskrivi karatteristiċi arkitettoniċi u artistiċi tipiċi ta’ żmien ir-Rumani f’Malta.<br><br>*Id-Domus Romana; Il-Banijiet Rumani f’Għajn Tuffieħa.* | 10.3e Niddeskrivi l-karatteristiċi arkitettoniċi u artistiċi tipiċi ta’ żmien ir-Rumani f’Malta, u/jew l-istat tal-preservazzjoni tagħhom.<br><br>*Id-Domus Romana; Il-Banijiet Rumani f’Għajn Tuffieħa; il-Katakombi ta’ San Pawl; Villa fil-kampanja f’San Pawl Milqi u sit tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.* |
| 10.1f Nidentifika abitazzjonijiet ġodda fortifikati medjevali ta’ Malta u Għawdex.<br><br>*L-Imdina; il-Birgu; iċ-Ċittadella.* | 10.2f Nagħmel distinzjoni bejn abitazzjonijiet ġodda fortifikati medjevali u tipi oħra ta’ abitazzjonijiet.<br><br>*L-Imdina; iċ-Ċittadella f’Għawdex; abitazzjoni fl-għerien; villaġġ żgħir f’Ħal Millieri.* | 10.3f Niddiskuti r-raġunijiet għall-iżvilupp u/jew l-abbandun ta’ abitazzjonijiet ġodda f’Malta.<br><br>*Medjevali; żmien il-Kavallieri.* |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| | 10.2g Nagħraf b'sorsi varji karatteristiċi arkitettoniċi medjevali.<br><br>*It-Twieqi tal-Muxrabija; il-passaġġi sikifaħ; il-Palazz Santa Sofia.* | 10.3g Niddeskrivi l-karatteristiċi arkitettoniċi ewlenin tal-perjodu medjevali.<br><br>*L-imtieħen tal-annimali; il-ħitan tas-sejjieħ; il-giren; l-Għar il-Kbir; il-grotta u l-knisja ta' Sant Agata; il-Knisja tal-Lunzjata f'Ħal Millieri.* |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 11:** | **Il-Wirt mibni ta' Malta: mill-Kavallieri sal-ġurnata tal-lum** |
| **Kisba mit-Tagħlim 11:**<br><br>**(Karta I u Karta II)** | **Nagħraf, ninvestiga u niddiskuti l-importanza tal-wirt mibni ta' Malta mill-Kavallieri sal-ġurnata tal-lum.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 11.1a Nagħraf ir-raġunijiet għaliex il-Belt Valletta nbniet wara l-Assedju l-Kbir tal-1565. | 11.2a Niddeskrivi r-raġunijiet għaliex il-Belt Valletta nbniet fuq l-għolja Sciberras. | 11.3a Niddiskuti l-pjanti tal-bini tal-Belt Valletta kif propost minn Francesco Laparelli.<br><br>*It-toroq forma ta' grilja; proposti għall-belt kbira li mbagħad tnaqqset fid-daqs; ir-regolamenti tal-bini.* |
| 11.1b Nagħraf il-bini importanti fil-Belt mibni matul żmien il-Kavallieri.<br><br>*Il-Konkatidral ta' San Ġwann; il-Knisja tal-Vitorja; Il-Bereġ (De Provence, D'Italie, Kastilja); Il-Palazz tal-Gran Mastru; is-Sacra Infermeria; it-Teatru Manoel.* | 11.2b Niddeskrivi l-karatteristiċi arkitettoniċi ewlenin u/jew l-użu ta' bini importanti ta' żmien il-Kavallieri fil-Belt Valletta.<br><br>*Il-Konkatidral ta' San Ġwann; il-Knisja tal-Vitorja; Il-Bereġ (De Provence, D'Italie, Kastilja); Il-Palazz tal-Gran Mastru; is-Sacra Infermeria; it-Teatru Manoel.* | 11.3b Nispjega kif is-swar prinċipali ta' żmien il-Kavallieri huma stmati u qed jintużaw bħalissa. |
| 11.1c Nagħraf il-fortifikazzjonijiet tal-port qabel żmien il-Kavallieri tal-1565.<br><br>*Il-Forti Sant Iermu; Castrum Maris/il-Forti Sant Anġlu; il-Birgu; il-Forti San Mikiel; L-Isla.* | 11.2c Niddeskrivi r-raġunijiet għall-bini ta' fortifikazzjonijiet fiż-żona tal-port qabel żmien il-Kavallieri tal-1565.<br><br>*Il-Forti Sant Iermu; Castrum Maris/il-Forti Sant Anġlu; il-Birgu; il-Forti San Mikiel; L-Isla.* | |
| 11.1d Nidentifika xi fortifikazzjonijiet ewlenin fiż-żona tal-port mibnija mill-Kavallieri wara l-1565.<br><br>*Santa Margarita Lines; Cottonera Lines; il-Forti Ricasoli; il-Furjana; il-Forti Manoel; il-Forti Tigne.* | 11.2d Niddeskrivi r-raġunijiet għall-bini ta' fortifikazzjonijiet fiż-żona tal-port fiż-żmien il-Kavallieri ta' wara l-1565.<br><br>*Santa Margarita Lines; Cottonera Lines; il-Forti Ricasoli; il-Furjana; il-Forti Manoel; il-Forti Tigne.* | |
| | 11.2e Inqabbel it-tipi differenti ta' torrijiet ta' mal-kosta.<br><br>*It-Torrijiet ta' Wignacourt; It-Torrijiet De Redin/Lascaris.* | 11.3e Niddeskrivi l-irwol tat-torrijiet ta' mal-kosta fid-difiża tal-arċipelagu Malti taħt il-ħakma tal-Kavallieri.<br><br>*Post fejn kienu jagħtu sinjali u direzzjonijiet; post fejn kienet isseħħ l-għassa mal-kosta.* |
| 11.1f Nidentifika fuq mappa l-Victoria Lines u s-swar assoċjati magħhom.<br><br>*Forti Binġemma; Forti Mosta; Forti Madliena.* | 11.2f Nidentifika kif it-topografija influwenzat il-lokazzjoni tal-arkitettura militari Brittanika.<br><br>*Il-Victoria Lines; Forti Rinella; Forti Cambridge.* | 11.3f Nevalwa kif l-iżviluppi fit-teknoloġija militari influwenzaw l-arkitettura militari Brittanika f'Malta.<br><br>*Il-Victoria Lines u il-forti tal-madwar; Forti Rinella; Forti Cambridge.* |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 11.1g Nagħraf eżempji ta' arkitettura Neo-Klassika u/jew Neo-Gotika f'Malta.<br><br>*Neo-Klassiku: il-Katidral Anglikan ta' San Pawl; ir-Rotunda tal-Mosta; il-monument ta' Alexander Ball; Il-main guard.*<br>*Neo-Gotiku: iċ-Ċimiterju tal-Addolorata; il-Knisja tat-Trinità Qaddisa (Tas-Sliema); Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu (Balluta); il-Knisja Metodista (Sala Robert Sammut); Casa Gourgion (l-Imdina).* | 11.2g Niddeskrivi l-karatteristiċi tal-arkitettura Neo-Klassika u/jew Neo-Gotika. | 11.3g Bl-użu ta' eżempji niddeskrivi karatteristiċi arkitettoniċi fl-istil ta' arkitettura Neo-Klassika u/jew Neo-Gotika. |
| 11.1h Nagħraf sorsi varji ta' arkitetturi vernakulari ta' Malta.<br><br>*Il-Farmhouses; in-niċeċ; il-kappelli; il-ħitan tas-sejjieħ; il-giren; l-imtieħen tar-riħ.* | 11.2h Niddeskrivi l-funzjonijiet tal-arkitettura vernakulari Maltija. | 11.3h Nanalizza bl-għajnuna ta' sorsi varji l-karatteristiċi ewlenin tal-arkitettura vernakulari ta' Malta. |
| 11.1i Nikkummenta dwar l-istat tal-arkitettura vernakulari ta' Malta u r-raġunijiet għall-konservazzjoni u r-restawr tagħha. | 11.2i Nispjega l-istat tal-arkitettura vernakulari ta' Malta u r-raġunijiet għall-konservazzjoni u r-restawr tagħha. | 11.3i Niddiskuti l-irwol tal-iskedar fil-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt arkitettoniku Malti. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett 12:** | **Malta u l-Ewropa (1798 - 2004)** |
| **Kisba mit-Tagħlim 12:**<br><br>**(Karta II)** | **Niddeskrivi u niddiskuti avvenimenti u żviluppi importanti fl-istorja Ewropea li kellhom impatt fuq l-istorja ta' Malta mis-sena 1789 sal-2004 bl-użu ta' sorsi primarji u sekondarji.** |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 12.1a Nidentifika l-kawżi u t-tħejjijiet li saru għall-Assedju l-Kbir. | 12.2a Nispjega l-kawżi u t-tħejjijiet għall-Assedju il-Kbir. | 12.3a Niddiskuti l-kawżi u t-tħejjijiet għall-Assedju l-Kbir. |
| 12.1b Nidentifika l-effetti immedjati tal-Assedju l-Kbir.<br><br>*Il-Qerda ta' xi postijiet; il-kostruzzjoni tal-Belt Valletta.* | 12.2b Niddeskrivi l-effetti tal-Assedju l-Kbir fuq l-Ordni u/jew il-Maltin. | 12.3b Niddiskuti l-effetti fit-tul tal-Assedju l-Kbir. |
| 12.1c Nidentifika t-tliet prinċipji tar-Rivoluzzjoni Franċiża.<br><br>*Il-libertà; il-fraternità; l-ugwaljanza.* | 12.2c Niddeskrivi l-importanza tal-prinċipji tar-Rivoluzzjoni Franċiża: il-libertà u/jew il-fraternità u/jew l-ugwaljanza.<br><br>*Il-Libertà: il-libertà tal-kuxjenza, u l-libertà tal-istampa.*<br>*Il-Fraternità u l-ugwaljanza: l-ugwaljanza quddiem il-liġi, u l-ebda tassazzjoni mingħajr rappreżentanza.* | 12.3c Niddiskuti kif il-prinċipji tar-Rivoluzzjoni Franċiża ġabu bidliet f'Malta.<br><br>*Ir-riformi proposti minn Napuljun għal Malta.* |
| 12.1d Insemmi il-protagonisti ta' żmien il-Franċiżi f'Malta.<br><br>*Mikiel Anton Vassalli; Dun Mikiel Xerri; Manuel Vitale; Ċensu Borg Braret; Mons. Francis Xavier Caruana.* | 12.2d Nispjega l-irwol tal-protagonisti ewlenin ta' żmien il-Franċiżi f'Malta.<br><br>*Mikiel Anton Vassalli; Dun Mikiel Xerri; Manuel Vitale; Ċensu Borg Braret; Mons. Francis Xavier Caruana.* | 12.3d Nispjega l-effetti tar-revolta u l-imblokk fuq il-Maltin.<br><br>*Il-Ġuħ; il-mard; l-istaġnar ekonomiku; l-appoġġ loġistiku Brittaniku; il-kuxjenza nazzjonali.* |
| | 12.2e Nispjega r-raġunijiet għall-kapitulazzjoni Franċiża lill-Ingliżi f'Settembru tal-1800.<br><br>*In-Nuqqas ta' rinforzi u provvisti; il-mard relatat mal-ġuħ; l-imblokk Brittaniku.* | 12.3e Nanalizza r-raġunijiet tal-Ingliżi għaliex ħakmu lil Malta.<br><br>*Bħala difiża fl-1800; bħala kolonja fl-1813.* |
| 12.1f Nidentifika l-irwol ta' Malta matul l-Ewwel Gwerra Dinjija.<br><br>*L-Infermiera tal-Mediterran; il-bażi navali.* | 12.2f Niddeskrivi l-irwol ta' Malta matul l-Ewwel Gwerra Dinjija.<br><br>*L-isptarijiet militari; iċ-ċimiterji militari; il-priġunieri tal-gwerra; it-tarzna; il-bażi navali.* | 12.3f Niddiskuti l-effetti soċjoekonomiċi tal-Ewwel Gwerra Dinjija fuq Malta.<br><br>*Impjiegi għal kulħadd; it-tarzna; l-inflazzjoni; l-isptarijiet militari; l-iskarsezza tal-ikel; il-problemi ta' wara l-gwerra.* |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 12.1g Nidentifika r-raġunijiet għaliex Malta ġiet attakkata mill-Axis Powers fit-Tieni Gwerra Dinjija.<br><br>*Il-post strateġiku ta' Malta; Kolonja Brittanika u l-bażi operattiva.* | 12.1g Nispjega għaliex Malta saret involuta direttament fit-Tieni Gwerra Dinjija.<br><br>*Il-post strateġiku ta' Malta; Kolonja Brittanika u l-bażi operattiva.* | |
| 12.1h Nagħraf l-effetti tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq Malta u l-Maltin.<br><br>*Air raids; il-ħajja fix-xelters; il-Victory Kitchen; il-konvojs, l-migrazzjoni miż-żona tal-port.* | 12.2h Nispjega l-effetti tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq Malta u l-Maltin.<br><br>*Air raids; il-ħajja fix-xelters; il-Victory Kitchen; il-konvojs, l-migrazzjoni miż-żona tal-port.* | 12.3h Niddiskuti l-effetti tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq Malta u l-Maltin.<br><br>*Air raids; il-ħajja fix-xelters; il-Victory Kitchen; il-konvojs, l-migrazzjoni miż-żona tal-port.* |
| | 12.2i Nispjega l-konsegwenzi li ħalliet it-Tieni Gwerra Dinjija fuq Malta u l-Maltin.<br><br>*Ħsara minħabba l-gwerra; ir-Rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra; it-tindif tal-mandraġġi; in-nuqqas ta' akkomodazzjonijiet.* | 12.3i Niddiskuti l-konsegwenzi tal-effetti soċjoekonomiċi tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq Malta u l-Maltin.<br><br>*Ħsara minħabba l-gwerra; in-nuqqas ta' akkomodazzjonijiet; Servizzi Brittaniċi mħarbta; il-qgħad; l-emigrazzjoni.* |
| 12.1j Nagħti t-tifsira tat-terminu l-Gwerra Bierda. | 12.2j Nispjega kif il-Gwerra Bierda affettwat lil Malta.<br><br>*Il-bunker nukleari ta' Tarġa Gap; Silos li jifilħu għal attakk nukleari.* | 12.3j Niddiskuti kif il-Gwerra Bierda affettwat il-politika barranija ta' Malta.<br><br>*In-Newtralità; Malta Summit tal-1989.* |
| 12.1k Nidentifika s-sitt pajjiżi membri fundaturi tal-Unjoni Ewropea. | 12.2k Nispjega kif il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar kienet l-ewwel pass lejn il-formazzjoni tal-Unjoni Ewropea. | 12.3k Niddiskuti għaliex l-Unjoni Ewropea twaqqfet wara t-Tieni Gwerra Gwerra. |
| 12.1l Nidentifika r-raġunijiet għalfejn Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea. | | 12.3l Nispjega l-benefiċċji tal-isħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. |
| 12.m Nidentifika siti ta' Natura 2000 f'Malta u/jew f'Għawdex.<br><br>*Is-siti Natura 2000 huma proġett tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħarsien u l-preservazzjoni tal-ambjent naturali.* | 12.2m Nidentifika siti storiċi restawrati permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.<br><br>*Il-Fortifikazzjonijiet fil-Birgu; il-Forti Sant Anġlu; il-Fortifikazzjonijiet fl-Imdina; iċ-Ċittadella ta' Għawdex; il-Belt Valletta.* | 12.3m Niddiskuti l-valur li l-Unjoni Ewropea tagħti lill-postijiet ta' importanza naturali u storiċi.<br><br>*Intrinsiku; turistiku; soċjali; edukattiv.* |
| 12.1n Nidentifika l-munita Ewropea. | 12.2n Nispjega l-vantaġġi ta' munita waħda. | |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 12.1o Insemmi l-valuri komuni Ewropej.<br><br>*Is-saltna tad-dritt; id-dinjità tal-bniedem; il-libertà; l-ugwaljanza; id-drittijiet tal-bniedem (inklużi d-drittijiet tal-minoranzi); id-demokrazija.* | 12.2o Niddeskrivi l-valuri komuni Ewropej.<br><br>*Is-saltna tad-dritt; id-dinjità tal-bniedem; il-libertà; l-ugwaljanza; id-drittijiet tal-bniedem (inklużi d-drittijiet tal-minoranzi); id-demokrazija.* | 12.3o Niddiskuti l-importanza li jinżammu l-valuri komuni Ewropej. |
| 12.1p Nagħmel lista tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.<br><br>*Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-ministri); il-Parlament Ewropew; il-Kummissjoni Ewropea.* | | 12.3p Niddeskrivi l-irwol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.<br><br>*Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-ministri); il-Parlament Ewropew; il-Kummissjoni Ewropea.* |
| 12.2q Nidentifika l-opportunitajiet offruti mill-Unjoni Ewropea.<br><br>*L-edukazzjoni; l-impjiegi; ir-riċerka u l-iżvilupp; il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF).* | 12.3q Niddeskrivi l-opportunitajiet offruti mill-Unjoni Ewropea għaż-żgħażagħ. | |

# L-Iskema tal-Assessjar

## Kandidati tal-Iskola

L-assessjar jikkonsisti minn żewġ karti: L-Ewwel Karta u t-Tieni Karta. L-Ewwel Karta tikkonsisti minn assessjar ibbażat fl-iskola mhux moderat. Dan ix-xogħol għandu jiġi ssettjat u assessjat mill-iskola. It-Tieni Karta tikkonsisti f'karta li ssir fl-aħħar sena tas-sekondarja.

**School-based assessment (SBA):** huwa kwalunkwe tip ta' assessjar issettjat mill-iskola magħmul skont is-sillabu taċ-ĊES li se jkun qed jirrefletti l-livell finali milħuq fis-suġġett.

**Controlled assessment:** hija eżami bil-kitba ta' sagħtejn issettajt fl-aħħar tal-programm u varjat fuq żewġ livelli:

a. Livelli 1 u 2
b. Livelli 2 u 3

Il-kandidati jridu jissodisfaw lill-eżaminaturi fl-Ewwel u fit-Tieni Karta sabiex jiksbu livell ogħla minn livell 1.

**L-Ewwel Karta – School-Based Assessment: (30% tal-marka totali)**

L-SBA se jiġi mmarkat minn 100 marka kull sena (9, 10 u 11). L-assessjar għal kull sena se jkopri 10% tal-marka globali u l-iskola se tagħti l-marka lill-MATSEC fl-aħħar sena tas-sekondarja. Għaldaqstant, il-marka ta' kull sena se tkun qed tikkontribwixxi għall-marka finali tal-SBA. L-SBA jrid jirrifletti s-sillabu tal-MATSEC fid-9 sena, l-10 sena u l-11-il sena.

L-SBA jista' jinqasam f'żewġ kategoriji:

- L-SBA fil-Livell 1-2 irid ikopri l-kriterji tal-assessjar minn dawn iż-żewġ livelli. Huwa ssuġġerit li l-kriterji tal-assessjar ikunu ta' 40% f'Livell 1 u ta' 60% f'Livell 2;
- L-SBA fil-Livell 1-2-3 irid ikopri l-kriterji tal-assessjar minn dawn it-tliet livelli. Huwa ssuġġerit li l-kriterji tal-assessjar ikunu ta' 30% f'Livell 1 u 2 u ta' 40% f'Livell 3;

Il-marka tal-SBA ippreżentata f'Livell 1-2 għall-kwalifika f'Livell 2-3 se tkun ikkalkulata minn 60% tal-marka oriġinali. Il-marka tibqa' kif inhi f'kwalunkwe każ ieħor.

**It-Tieni Karta – Il-Karta Controlled (70% tal-marka totali)**

**L-Eżami (100 marka; sagħtejn)**

Il-Karta Controlled tal-assessjar se tkun tikkonsisti minn karta **WAĦDA** ta' sagħtejn eżami u għandha 70% tal-marka finali. Il-karta se tkun disponibbli kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Il-kandidati huma meħtieġa jwieġbu l-mistoqsijiet **KOLLHA**. Il-karta se tkun qed teżamina l-Kisbiet mit-Tagħlim **KOLLHA**.

Il-Karta II se tkun disponibbli fuq żewġ Livelli. Il-kandidati jridu jagħżlu jew il-karta tal-eżami fil-Livell 1-2 jew fil-Livell 2-3.

Il-Karta II se tkun tikkonsisti minn **TNAX**-il mistoqsija li jkopru l-Kisbiet mit-Tagħlim **KOLLHA** mis-sillabu. **Il-mistoqsijiet kollha huma obbligatorji.**

**Livelli 1 – 2**
Din il-karta se jkollha mistoqsijiet li jkopru kriterji tal-assessjar mis-sillabu maqsuma f'40% minn livell 1 u 60% minn livell 2. Il-mistoqsijiet se jkunu oġġettivi (għażel it-tajba, kompli t-tweġiba, Veru/Falz, fehim mit-test, qabbel it-tweġiba mal-mistoqsija eċċ.), u strutturati, li jeħtieġu tweġibiet fil-qosor. Il-mistoqsijiet jistgħu jinkludu sorsi varji bħal mapep, graphs, stampi u ritratti. Il-mistoqsijiet kollha huma obbligatorji u jeħtieġ li jiġu mwieġba fl-ispazju provdut fl-iskript.

**Livelli 2 – 3**
Din il-karta se jkollha mistoqsijiet li jkopru kriterji tal-assessjar mis-sillabu maqsuma f'40% minn livell 2 u 60% minn livell 3. Il-mistoqsijiet se jkunu varjati u se jkunu oġġettivi, ibbażati fuq riżorsi, jinvolvu tweġibiet fuq dejta, tweġibiet ħielsa u tweġibiet li joffru soluzzjonijiet għall-problemi. Is-sett ta' mistoqsijiet se jevalwaw il-fehim u l-applikazzjoni tal-kandidati. Fosthom l-għarfien tal-programm kollu, analiżi u interpretazzjoni ta' dejta u ritratti, skeċċis u immarkar fuq stampi. Il-mistoqsijiet kollha huma obbligatorji u jeħtieġ li jiġu mwieġba fl-ispazju provdut fl-iskript.

## Kandidati Privati

Il-Kandidati Privati mhumiex mistennija jagħmlu l-SBA bħall-Kandidati tal-Iskola. Il-Kandidati Privati għandhom jagħmlu Karta Controlled oħra minflok l-SBA. Il-Kandidati Privati se jiġu assessjati permezz ta' **ŻEWĠ** Karti Controlled, it-tieni waħda tkun dik komuni ma' tal-Kandidati tal-Iskola.

**Karta I – Il-Karta Controlled – Kandidati Privati (30% tal-marka totali)**

**L-Eżami (100 marka; karta ta' sagħtejn)**

L-Ewwel Karta tal-Kandidati Privati se tkun eżami bi tliet Livelli 1, 2 u 3 kif indikat fis-sillabu. L-eżami se jsir u jiġi kkoreġut mill-MATSEC. Il-karta se tkun qed teżamina l-iktar il-Kisbiet mit-Tagħlim immarkati għall-SBA.

Il-karta se tkun disponibbli kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Din il-karta ta' sagħtejn se tkun tikkonsisti minn **ERBA'** mistoqsijiet obbligatorji. Il-karta se tkun qed teżamina l-Kisbiet mit-Tagħlim **KOLLHA** immarkati għall-SBA, imma jistgħu jintużaw kriterji tal-assessjar mis-sillabu kollu.

**Livelli 1 – 2 - 3**
Din il-karta se jkollha mistoqsijiet li jkopru kriterji tal-assessjar mis-sillabu maqsuma f'30% minn livell 1, 30% minn livell 2 u 40% minn livell 3.

Il-kandidati se jkunu mistennija li jwieġbu l-mistoqsijiet kollha bbażati fuq kriterji tal-assessjar mil-livell 1, livell 2 u livell 3. Il-mistoqsijiet se jkunu jinkludu mistoqsijiet oġġettivi u strutturati li jeħtieġu tweġibiet fil-qosor. Il-mistoqsijiet se jkunu strutturati skont it-toqol u se jkunu bbażati fuq ir-riżorsi li jinvolvu tweġibiet fuq dejta, tweġibiet ħielsa u tweġibiet li joffru soluzzjonijiet għall-problemi.